## Werrej


| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Introduzzjoni** | **1** |
| **2.** | **Ħarsa lejn l-ekonomija u s-sostenibbilta' finanzjarja** | **3** |
| | L-ekonomija internazzjonali | 3 |
| | L-ekonomija f'Malta | 3 |
| | Kumpens għall-għoli tal-ħajja | 6 |
| | Il-qagħda finanzjarja matul l-2009 | 6 |
| | Riformi strutturali | 9 |
| | Strateġija ekonomika | 10 |
| | Il-politika fiskali tal-Gvern | 13 |
| | Miżuri favur il-konsolidazzjoni fiskali | 15 |
| | Qafas fiskali u baġitarju ġdid | 17 |
| **3.** | **Ninċentivaw l-investiment produttiv biex noħolqu x-xogħol** | **18** |
| | Inċentivi għall-industrija u l-intrapriża fl-2010 | 18 |
| | Inċentivi għat-turiżmu | 26 |

Skemi u inizjattivi għall-ħolqien tax-xogħol 28

Miżuri favur il-moralità fiskali u kontra l-evażjoni tat-taxxa 33

Nisfruttaw ir-riżorsi tagħna aħjar biex nilqgħu għal kriżijiet simili fil-futur 36

Swieq aktar kompetittivi u stabilità fil-prezzijiet 38

**4. Ninvestu fl-infrastruttura ta' pajjiżna biex insostnu t-tkabbir ekonomiku 43**

Toroq arterjali u residenzjali ġodda 43

Trasport 44

Riġenerazzjoni tal-portijiet 47

Bini u tisbiħ ta' postijiet pubbliċi 47

**5. Nimplimentaw il-Viżjoni tagħna għal Għawdex bħala gżira ekoloġika 54**

**6. Inkomplu nsaħħu l-edukazzjoni u t-taħriġ biex ikollna soċjetà u ekonomija mibnija fuq l-għerf 56**

L-edukazzjoni primarja u sekondarja 56

Inkomplu ninvestu fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla 58

Żgħażagħ 60

Sport 60

L-ekonomija tal-kreattività 62

Investiment fl-oqsma kulturali 65

**7. Ninvestu aktar f'saħħitna u nkomplu nagħtu appoġġ lil min fis-soċjetà tassew jeħtieġ 66**

Inkomplu ngħinu lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn 66

Is-settur tas-saħħa 70

Il-kura tal-anzjani 73

**8. Insostnu l-ambjent ta' madwarna 75**

Futur sostenibbli għal uliedna 75

Miżuri ambjentali 78

Il-Gvern qrib il-kunsilli lokali 80

Tisħiħ tas-setturi tal-biedja u s-sajd 81

9. Konklużjoni 83

Appendiċi A 90

Appendiċi B 99

Appendiċi Ċ 100

Appendiċi D 123

Appendiċi E 125

# Introduzzjoni

Mr. Speaker,

Illum qed niċċelebraw l-20 anniversarju mill-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin. Dan kien avveniment li bidel il-kontinent Ewropew u l-bqija tad-dinja.

Dak in-nhar l-istruttura politika theżżet mill-qiegħ. Minn hemm twieldet Ewropa ġdida.

Din is-sena theżżet is-sistema finanzjarja u ekonomika mondjali.

Quddiem din ir-realtà, f'din il-Kamra rridu nirriflettu dwar it-tweġiba tagħna. Nistgħu nagħżlu t-triq il-ħafifa, dik li nħarsu n-naħa l-oħra u ngħidu "Le. Mhu qed jiġri xejn. M'għandna għalfejn nagħmlu xejn." Inkella nistgħu, b'għaqal, b'responsabbiltà u b'kuraġġ, inħarsu fuq ix-xefaq u ngħidu "Iva, id-dinja qed tinbidel, imma l-poplu tagħna kapaċi jirbaħ dawn l-isfidi. Flimkien possibbli nirbħuhom."

Mr Speaker,

Illejla, dan il-Gvern se jerġa' jagħżel it-tieni triq.

Dan il-Gvern hu responsabbli lejn il-poplu. Dan il-Gvern jaħdem bil-għaqal u mhux idawwar wiċċu n-naħa l-oħra. Dan il-Gvern ma jemminx li l-isfidi jirbaħhom billi jgħid li ma jeżistux. Għax irridu l-aħjar lill-poplu tagħna, lesti li naffaċċjaw l-isfidi, il-qagħda ekonomika internazzjonali, il-bidla fil-klima, il-problema dwar is-sigurtà fl-enerġija, l-iżviluppi demografiċi u l-immigrazzjoni.

Mr. Speaker,

F'dinja li qed tinqaleb ta' taħt fuq, hemm ukoll dak li għal dan il-Gvern ma jinbidlux. Dawn huma fil-pedament tal-politika tagħna u jinkludu r-rispett sħiħ lejn id-dinjità tal-bniedem, id-dmir li bħala soċjetà nwieżnu lil xulxin, il-valur tal-familja, u l-promozzjoni tal-ġid komuni.

Dawn huma l-pedamenti li fuqhom irridu nibnu l-Viżjoni 2015.

Dan il-Baġit huwa pass ieħor f'din il-Viżjoni.

# Ħarsa lejn l-ekonomija u s-sostenibbiltà finanzjarja

## L-ekonomija internazzjonali

Mr. Speaker, pajjiżna għandu ekonomija miftuħa. L-iżviluppi ekonomiċi internazzjonali bil-fors ikollhom impatt dirett fuqna.

L-2009 kienet sena diffiċli u bi sfidi kbar. Il-kummerċ internazzjonali waqa' sewwa. Dan wassal għal qgħad għoli f'bosta pajjiżi. Il-Kummissjoni Ewropea qed tbassar li l-Prodott Domestiku Gross fiż-Żona Ewro se jiċkien b'rata ta' madwar 4 fil-mija.

Diversi gvernijiet u banek ċentrali intervjenew sabiex isostnu lill-ekonomiji tagħhom.

Jidher li l-agħar tal-kriżi għadda u li r-rata ta' tkabbir ekonomiku se tkompli tirkupra bil-mod. Iżda, għad hemm inċertezza ekonomika kbira. Is-swieq finanzjarji internazzjonali għadhom batuti. Il-prezzijiet ta' bosta materjali, inkluż dak taż-żejt reġgħu bdew telgħin.

## L-ekonomija f'Malta

Mr. Speaker,

L-attività ekonomika f'Malta wkoll ġiet affettwata ħażin mir-riċessjoni internazzjonali. It-talba għall-prodotti maħduma f'Malta, kif ukoll għall-prodott turistiku tagħna niżlet. Fl-istess waqt, ċerti setturi fl-industrija tas-servizzi baqgħu jikbru, xhieda tas-suċċess tal-politika ta'

diversifikazzjoni ekonomika tagħna. L-inkwiet ekonomiku laqat lill-investiment ukoll, filwaqt li l-konsum privat niżel. B'riżultat ta' dan, nistennew li l-ekonomija Maltija tiċkien bi 2 fil-mija.

Dan kellu wkoll impatt fuq is-suq tax-xogħol. In-numru ta' nies jirriġistraw għax-xogħol f'Settembru laħaq is-7,521.

Tabella numru 2.1 turi kif dawk li jaħdmu bi qliegħ f'pajjiżna, bejn Diċembru tal-2008 u Ġunju tal-2009, żdied f'kull settur ekonomiku, minbarra l-manifattura u s-settur tat-turiżmu. Hawnhekk irrid infakkar li kieku l-Gvern ma intervjeniex sabiex isostni lil dawn iż-żewġ setturi, ma konniex insalvaw daqstant impjiegi.

**Tabella 2.1 Persuni Jaħdmu bi Qliegħ**

| **Settur** | **2007 (Jan-Diċ)** | **2008 (Jan-Diċ)** | **2009 (Jan-Ġun)** |
|---|---|---|---|
| Kostruzzjoni | 11,662 | 12,148 | 12,548 |
| Lukandi u Ristoranti | 9,747 | 10,141 | 9,918 |
| Trasport u Kommunikazzjoni | 10,757 | 11,040 | 11,309 |
| Intermedjarji Finazjarji | 5,353 | 5,577 | 5,694 |
| Manifattura | 23,647 | 22,687 | 20,756 |
| Bejgħ bil-Grossa u bl-Imnut | 21,409 | 21,831 | 22,095 |
| Oħrajn | 59,604 | 61,649 | 62,423 |
| **Total** | **142,179** | **145,073** | **144,743** |

Irrid ngħid ukoll li l-Gvern għadu għaddej b'dawn l-interventi, u jibqa' jintervjeni kull fejn ikun hemm xogħol li jista' jiġi salvat.

Mr. Speaker, permezz ta' dan il-baġit, il-Gvern se jħabbar numru ta' inizjattivi ġodda biex mhux biss noħolqu x-xogħol, iżda sabiex ngħinu fit-taħriġ u l-integrazzjoni ta' dawk il-persuni li qed ifittxu x-xogħol.

F'Settembru li għadda, ir-rata tal-inflazzjoni kienet ta' 3.5 fil-mija. Dan ifisser tnaqqis ta' madwar 2.0 punti perċentwali meta mqabbel ma' Settembru tal-2008. Għalkemm l-inflazzjoni lokali għadha xi ftit għolja, din qegħda turi xejriet 'l isfel. Minkejja dan, aħna xorta se nkomplu naħdmu favur il-konverġenza tar-rata tal-inflazzjoni tagħna ma' dawk fiż-Żona tal-Ewro.

Analiżi aktar dettaljata tal-qagħda ekonomika tinsab fl-*Economic Survey* li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Il-Prodott Domestiku Gross għall-2009 mistenni jonqos b'rata ta' 2 fil-mija. Ir-rata tal-inflazzjoni skont l-Indiċi ta' Prezzijiet bl-Imnut tilħaq madwar 2.5 fil-mija.

Matul l-2010 huwa mistenni li r-ritmu ekonomiku fl-ekonomiji ewlenin ikun beda jitjieb u li t-talba għal dak li nesportaw aħna terġa' tibda tiżdied.

Għaldaqstant, huwa mistenni li s-sena d-dieħla, l-ekonomija Maltija tikber b'madwar 1.1 fil-mija, filwaqt li r-rata tal-qgħad tinżel bi ftit. Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija tkun ta' 2 fil-mija.

## Kumpens għall-ogħli tal-ħajja

Mr. Speaker, il-kumpens għall-għoli tal-ħajja, kif maħdum fuq l-inflazzjoni li rriżultat mill-Indiċi għall-Prezzijiet bl-Imnut u skont il-metidoloġija maqbula bejn l-imsieħba soċjali, se jkun ta' €5.82 fil-ġimgħa.

## Il-qagħda finanzjarja matul l-2009 u 'l quddiem

L-iżbilanċ tal-Gvern għas-sena 2009 mistenni li jkun ta' 217.6 miljun ewro, jew 3.79 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross, minħabba diversi fatturi.

Hu mistenni li t-taxxi diretti jiżdiedu bi 22 miljun ewro fuq l-istima oriġinali għall-2009, meta wieħed jinkludi l-effett tal-inizjattiva mħabbra għall-ġbir ta' taxxa dovuta fuq id-dħul. Qed nistennew tnaqqis ta' 35 miljun ewro mit-taxxi indiretti, l-aktar minħabba t-tnaqqis fl-attività ekonomika. Id-dħul li mhux ġej minn taxxi huwa mistenni li jonqos ukoll.

Mistennija żieda ta' 119-il miljun ewro fuq l-istima oriġinali għall-2009 taħt id-diversi kategoriji tan-Nefqa Rikurrenti. 90 miljun ewro minn dawn huma Programmi u Inizjattivi li jinkludi ħlasijiet relatati mal-proċess tat-Tarzna u ż-żieda fil-fondi allokati għall-qasam tas-saħħa. F'dawk li huma Kontribuzzjonijiet lill-Entijiet tal-Gvern, se jkun hemm żieda ta' 14-il miljun ewro, inklużi żidiet relatati mas-settur tal-edukazzjoni.

In-Nefqa Kapitali mistennija tkun 303 miljun ewro sal-aħħar tas-sena. Mill-banda l-oħra, mistennija żieda fin-nefqa f'attivitajiet oħra, inkluż l-għajnuna mogħtija lill-

industrija biex tagħmel tajjeb għall-effetti fit-tnaqqis fl-attività ekonomika.

Sal-aħħar tal-2009, id-dejn tal-Gvern mistenni jkun 67 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross, 11 fil-mija anqas mill-medja fiż-Żona Ewro.

**Tabella Nru. 2.2 Il-Qaghda Fiskali 2008-2009**

| | 2008 Attwali €'000 | | 2009 Approvat €'000 | | 2009 Rivedut €'000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dhul Totali | | 2,302,145 | | 2,551,318 | | 2,466,648 |
| Dhul minn Taxxi | 2,098,311 | | 2,238,263 | | 2,225,653 | |
| Dhul iehor | 203,834 | | 313,055 | | 240,995 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,313,131 | | 2,302,233 | | 2,421,492 |
| Spiza Rikurrenti | 2,124,093 | | 2,105,929 | | 2,226,152 | |
| Hlasijiet ta' Imghax | 189,038 | | 196,304 | | 195,340 | |
| Bilanc Rikurrenti | | (10,986) | | 249,085 | | 45,156 |
| Nefqa Kapitali | | 222,150 | | 347,931 | | 303,156 |
| Nefqa Totali | | 2,535,281 | | 2,650,164 | | 2,724,648 |
| **(Zbilanc) fil-fond Konsolidat** | | **(233,136)** | | **(98,846)** | | **(258,000)** |
| **Finanzjament** | | | | | | |
| Hlas lura dirett ta' Self | (93,176) | | (208,162) | | (251,179) | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds* - Lokali | (7,023) | | (7,023) | | (7,023) | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds* - Barranin | (11,175) | | (10,139) | | (10,042) | |
| Akkwist ta' *Equity* | (6,500) | | (100) | | (642) | |
| Bilanc mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 33,318 | | 0 | | 0 | |
| Bejgh ta' Assi | 0 | | 0 | | 0 | |
| | | (84,556) | | (225,424) | | (268,886) |
| Htiega ta' Self | | (317,692) | | (324,270) | | (526,886) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanc fl-1 ta' Jannar | (55,933) | | (62,062) | | (87,890) | |
| Self Lokali | 285,735 | | 500,000 | | 500,000 | |
| | | 229,802 | | 437,938 | | 412,110 |
| Bilanc fil-31 ta' Dicembru | | (87,890) | | 113,668 | | (114,776) |
| Aggustamenti tal-Gvern Estiz | | (32,225) | | 10,756 | | 40,414 |
| **(Zbilanc) tal-Gvern Estiz** | **(265,361)** | | **(88,090)** | | **(217,586)** | |
| **Prodott Domestiku Gross** | **5,687,168** | | | | **5,744,040** | |
| **Zbilanc tal-Gvern Estiz bhala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-4.67%** | | | | **-3.79%** | |

**Tabella Nru.2.3 Il-Qaghda Fiskali 2008 - 2012**

| | 2008 Attwali € '000 | | 2009 Rivedut € '000 | | 2010 Estimi € '000 | | 2011 Estimi € '000 | | 2012 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dhul Totali | | 2,302,145 | | 2,466,648 | | 2,674,937 | | 2,765,497 | | 2,853,897 |
| Dhul minn Taxxi | 2,098,311 | | 2,225,653 | | 2,331,254 | | 2,432,754 | | 2,519,954 | |
| Dhul Iehor | 203,834 | | 240,995 | | 343,683 | | 332,743 | | 333,943 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,313,131 | | 2,421,492 | | 2,484,142 | | 2,513,861 | | 2,585,842 |
| Spiza Rikurrenti | 2,124,093 | | 2,226,152 | | 2,288,521 | | 2,311,534 | | 2,378,652 | |
| Hlasijiet ta' Imghax | 189,038 | | 195,340 | | 195,621 | | 202,327 | | 207,190 | |
| Bilanc Rikurrenti | | (10,986) | | 45,156 | | 190,795 | | 251,636 | | 268,055 |
| Nefqa Kapitali | | 222,150 | | 303,156 | | 429,595 | | 430,636 | | 438,055 |
| Nefqa Totali | | 2,535,281 | | 2,724,648 | | 2,913,737 | | 2,944,497 | | 3,023,897 |
| **(Zbilanc) fil-Fond Konsolidat** | | **(233,136)** | | **(258,000)** | | **(238,800)** | | **(179,000)** | | **(170,000)** |
| Finanzjament | | | | | | | | | | |
| Hlas lura dirett ta' Self | (93,176) | | (251,179) | | (191,242) | | (128,438) | | (509,702) | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds- Lokali* | (7,023) | | (7,023) | | (7,023) | | (6,744) | | (4,857) | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-Sinking Funds- Barranin | (11,175) | | (10,042) | | (9,177) | | (9,196) | | (9,311) | |
| Akkwist ta' *Equity* | (6,500) | | (642) | | (100) | | (100) | | (100) | |
| Bilanc mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 33,318 | | 0 | | 0 | | 9,480 | | 27,757 | |
| Bejgh ta' Assi | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | |
| | | (84,556) | | (268,886) | | (207,542) | | (134,998) | | (496,213) |
| Htiega ta' Self | | (317,692) | | (526,886) | | (446,342) | | (313,998) | | (666,213) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanc fl-1 ta' Jannar | (55,933) | | (87,890) | | (114,776) | | (11,118) | | 174,884 | |
| Self Lokali | 285,735 | | 500,000 | | 550,000 | | 500,000 | | 500,000 | |
| | | 229,802 | | 412,110 | | 435,224 | | 488,882 | | 674,884 |
| Bilanc fil-31 ta' Dicembru | | (87,890) | | (114,776) | | (11,118) | | 174,884 | | 8,671 |
| **Aggustament tal-Gvern Estiz** | | **(32,225)** | | **40,414** | | **5,000** | | **(21,000)** | | **(20,000)** |
| **(Zbilanc) tal-Gvern Estiz** | **(265,361)** | | **(217,586)** | | **(233,800)** | | **(200,000)** | | **(190,000)** | |
| **Prodott Domestiku Gross** | **5,687,168** | | **5,744,040** | | **5,945,080** | | **6,242,360** | | **6,554,450** | |
| **(Zbilanc) tal-Gvern Estiz bhala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-4.67%** | | **-3.79%** | | **-3.93%** | | **-3.20%** | | **-2.90%** | |

**Tabella Nru 2.4 Id-Dejn tal-Gvern**

| | 2008 €' 000 | 2009 €' 000 | 2010 €' 000 | 2011 €' 000 | 2012 €' 000 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 2,954,420 | 3,203,258 | 3,562,016 | 3,933,578 | 4,183,876 |
| *Bills* tat-Teżor | 365,804 | 398,200 | 293,742 | 107,740 | 13,953 |
| Self tal-*Ex-MDD* | 56,391 | 56,391 | 56,391 | 56,391 | 56,391 |
| Self minn Barra | 114,071 | 100,630 | 87,528 | 74,393 | 61,866 |
| EBU's/Kunsilli Lokali | 108,016 | 55,954 | 55,954 | 55,954 | 55,954 |
| Munita | 29,574 | 31,171 | 31,171 | 31,171 | 31,171 |
| **Dejn tal-Gvern Estiz** | **3,628,276** | **3,845,604** | **4,086,802** | **4,259,227** | **4,403,211** |
| *Prodott Domestiku Gross* | *5,687,168* | *5,744,040* | *5,945,080* | *6,242,360* | *6,554,450* |
| **Dejn bhala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **63.80%** | **66.95%** | **68.74%** | **68.23%** | **67.18%** |

Għat-tliet snin li ġejjin hu ppjanat li, filwaqt li l-iżbilanċ tal-Gvern għas-sena d-dieħla jkun ta' 3.9 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross, għas-sentejn ta' wara l-iżbilanċ jinżel għal 3.2 fil-mija fl-2011, u 2.9 fil-mija fl-2012.

Minbarra t-tagħrif u d-dettalji mogħtija f'dan id-diskors, li jaffetwaw d-dħul u l-infieq tal-Gvern, qed nehmeż tabelli numri 2.2 u 2.3, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija. Aktar dettalji jinsabu f'Appendiċi E mehmuża ma' dan id-diskors.

Id-Dejn Pubbliku għat-tliet snin li ġejjin se jsegwi l-istess *trend* ta' l-iżbilanċ tal-Gvern u, kif turi Tabella numru 2.4, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija, se jirreġistra 68.7, 68.2 u 67.2 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross, għas-snin 2010 sal-2012, rispettivament.

## Riformi strutturali

Mr. Speaker, matul din is-sena komplejna bir-riformi strutturali tagħna bil-għan li nagħmlu lil pajjiżna aktar effiċjenti u kompetittiv. Ħadna numru ta' inizjattivi fil-qasam edukattiv u dak tat-taħriġ għal matul il-ħajja. Daħħalna numru ta' inċentivi sabiex inħeġġu u nintegraw aktar nisa jew persuni żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol. Ħadna inizjattivi oħra sabiex nagħmlu x-xogħol aktar attrajenti għal kulħadd. Tejjibna l-infrastruttura fiżika, fiskali u tal-*IT*, u għinna lill-intrapriżi. Għinna wkoll lill-familji tagħna sabiex idaħħlu sistemi għall-użu aħjar u effiċjenti tal-enerġija. Lista ta' dawn il-miżuri u inizjattivi li twettqu hija mehmuża f'Appendiċi A.

Nidejna r-riforma tal-MEPA biex nassiguraw servizz ta' ppjanar dejjem aktar trasparenti u sostenibbli għal

pajjiżna. Mexjin ukoll b'ritmu tajjeb fit-twettieq tal-istrateġija tagħna fil-qasam tal-informatika u dak tas-servizzi finanzjarji.

Varajna wkoll proġett kbir biex inqabbdu lil pajjizna mal-*grid* tal-elettriku Ewropew. Qed invaraw l-istrateġija tagħna sabiex nagħmlu minn Għawdex gżira ekoloġika.

Mr. Speaker,

Għamilna u qegħdin nagħmlu dan kollu, u aktar, sabiex nissudaw is-swieq tagħna u ntejbu l-kompetittività ta' pajjiżna.

## Strateġija Ekonomika

Mr. Speaker,

Il-Gvern qed jirrispondi għat-taqlib ekonomiku internazzjonali, filwaqt li jibqa' ffukat fuq it-twettieq tal-Viżjoni li żviluppajna għal pajjiżna.

Fl-aħħar xhur bdejna proċess estensiv ta' konsultazzjoni, bl-għajnuna ta' grupp ta' konsulenti internazzjonali, sabiex inġeddu l-Viżjoni 2015. Il-Gvern huwa kommess li jagħmel minn pajjiżna ċentru ta' eċċellenza f'numru ta' oqsma ekonomiċi fejn għandna vantaġġ kompetittiv. Il-ħidma fuq it-tiġdid ta' din li-istrateġija għaddejja ġmielha u huwa mistenni li matul is-sena d-dieħla nkunu f'pożizzjoni li nippublikaw dokument dwar dan għall-konsultazzjoni publika.

Il-Gvern bi ħsiebu jlaqqa' Forum Ekonomiku Malti, li għalih se nistiednu lill-Maltin li għamlu suċċess f'diversi

oqsma ekonomiċi barra mill-pajjiż sabiex jaqsmu magħna l-esperjenzi tagħhom u nħajruhom iħarsu b'interess lejn l-investiment f'pajjiżna.

L-istrateġija ta' dan il-Gvern, filwaqt li tindirizza l-isfidi immedjati, trid tibqa' xprunata mill-Viżjoni 2015, u għaldaqstant, waqt li nagħmlu l-għażliet meħtieġa, m'għandniex nippreġudikaw l-istabilità ekonomika li għandna bżonn biex nilqgħu għal sfidi akbar.

Kulħadd, inkluż il-Gvern, jixtieq li l-2009 kienet aħjar. Madanakollu, minkejja d-diffikultajiet li kellna, ġibna r-riżultati. Fuq kollox, irnexxielna nnaqqsu l-impatt tal-kriżi ekonomika internazzjonali.

Dan kien possibbli għaliex fil-passat ħadna d-deċiżjonijiet importanti f'waqthom. Daħħalna l-munita Ewro, deċiżjoni li serviet bħala ankra ta' stabilità għal pajjiżna matul il-kriżi ekonomika u finanzjarja. Għamilna r-riformi meħtieġa li, għalkemm mhux bil-fors li għamluna popolari, kienu meħtieġa sabiex nilqgħu għall-isfidi li għandna. Daħħalna riformi fit-tariffi tad-dawl u l-ilma. Għaddejjin bil-privatizzazzjoni tat-tarzna u bir-riforma fit-trasport.

Ħadna ħafna deċiżjonijiet diffiċli, mingħajr ma ħallejna id-defiċit jaħrab minn idejna. Il-konsegwenzi ta' defeċits kbar illum jarahom kulħadd. Ħafna pajjiżi qed ikollhom iżidu t-taxxi diretti u indiretti b'mod sostanzjali fuq medda ta' snin sabiex jagħmlu tajjeb għad-defiċits kbar li għandhom.

Mr. Speaker,

Irridu nibqgħu prudenti u bil-għaqal. Ma nistgħux nibdew inqisu d-defiċit bħala li mhuwiex problema. Ma nistgħux nibilgħu l-ħrafa li qegħdin inżommu d-defiċit taħt kontroll sabiex nogħġbu lil xi ħadd. Defiċit għoli inaffar l-investiment u x-xogħol. Aħna qegħdin naħdmu sabiex id-defiċit inżommuh f'livell aċċettabbli sabiex inkattru l-prospetti ekonomiċi għal pajjiżna kif ukoll sabiex ma nkabbrux il-piżijiet li l-familji tagħna u uliedna jridu jġorru. Dawk il-pajjiżi li kellhom iżidu d-defiċit bil-kbir qegħdin jieħdu miżuri fiskali drastiċi, inkluż id-dħul ta' taxxi ġodda, meta l-irkupru mir-riċessjoni għad irid iseħħ.

Dak li għamilna kien meqjus u għaqli. Ma waqajniex għat-tentazzjoni li ngħinu lil kulħadd indipendentement mill-bżonn sabiex inżidu fil-popolarità tagħna. Anzi, fittixna li ngħinu bis-serjetà lil min kellu bżonn l-appoġġ sħiħ tagħna. Hekk għamilna meta daħħalna l-benefiċċju tal-enerġija biex ngħinu lill-familji fil-bżonn. Hekk għamilna meta għinna lill-fabbriki li ħtieġu l-għajnuna. U hekk se nkomplu nagħmlu. Għaliex is-sewwa, l-għaqal u l-prudenza hekk jitolbu.

Mr Speaker,

Il-Baġit għall-2010 huwa msejjes fuq dawn is-sitt għanijiet:

1. Irridu nkabbru l-istabilità ekonomika u fiskali, l-istabilità fil-prezzijiet u kompetizzjoni akbar fis-swieq tagħna;

2. Irridu ninċentivaw l-investiment produttiv sabiex noħolqu l-ġid u x-xogħol;

3. Irridu li nkomplu ninvestu fis-saħħa tagħna lkoll u fil-ħarsien soċjali sabiex f'pajjiżna ħadd ma jibqa' lura;

4. Irridu nkomplu ninvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex nibqgħu nibnu fuq it-talenti, il-ħiliet u l-għerf tal-poplu tagħna;

5. Irridu nkomplu ninvestu fl-infrastruttura ta' pajjiżna, fl-ambjent, fit-toroq, fil-wirt storiku u kulturali tagħna, u fl-oqsma ekonomiċi li jirrendu sabiex insostnu l-progress ekonomiku u soċjali tal-poplu tagħna; u

6. Irridu nkomplu bit-twettieq li nimplimentaw il-Viżjoni tagħna għal Għawdex bħala gżira ekoloġika.

**Il-politika fiskali tal-Gvern**

Il-politika fiskali ta' dan il-Gvern mhix li nżidu l-piż tat-taxxi. Anzi, f'dawn l-aħħar snin, u, b'mod partikolari fl-aħħar tliet baġits nidejna riforma sostanzjali fl-*income tax*, li wasslet biex il-Gvern qed iħalli 152 miljun ewro fis-sena fil-bwiet tal-ħaddiema u n-negozji. Żgur li dawn il-miżuri kienu element essenzjali biex fix-xhur li għaddew Malta m'għerqitx fil-maltemp li ħakimna.

Madankollu, biex il-politika fiskali tal-Gvern li ma nżidux l-piż tat-taxxi tkun possibbli, il-konvinzjoni li l-Gvern m'għandux jissussidja fejn mhemmx bżonn, trid tkun il-

konvinzjoni tagħna lkoll. Jeħtieġ il-kuraġġ li nwettqu dak li nistqarru. Jekk le, ikun min ikun fil-Gvern, se jkollu jara minn fejn se jġib il-flus sabiex isostni dawk l-oqsma li huma fost l-għeżeż f'pajjiżna, bħall-edukazzjoni u s-saħħa, fost l-oħrajn.

Għal dan il-għan, matul l-2010, il-Gvern se jieħu numru ta' miżuri biex irażżan in-nefqa tiegħu, kif ukoll miżuri oħra sabiex isaħħaħ l-infurzar tal-liġijiet fiskali. B'hekk inkunu nistgħu nilħqu l-miri għal dan il-baġit mingħajr il-ħtieġa ta' taxxi ġodda.

Il-qagħda ekonomika u l-ħtieġa li nużaw ir-riżorsi tagħna sabiex insostnu u noħolqu x-xogħol, ma jippermettulniex tnaqqis tal-*income tax* f'dan il-baġit. Iżda, il-Gvern xorta jemmen li għandu jkompli jwettaq partijiet mill-Programm Elettorali. Għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar li ġej, se titneħħa l-*levy* ta' €16.31 fuq il-*credit cards*. Minn din il-miżura, li tnaqqas id-dħul tal-Gvern b'żewġ miljun ewro fis-sena, mistennija jgawdu 120,000 persuna.

It-tariffi għar-reġistrazzjoni u liċenzjar tad-dgħajjes b'makni tas-saħħa se jitnaqqsu kif jidhru f'tabella 2.5 hawn taħt li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija. Huwa stmat li minn din il-miżura, li se tirriżulta f'telf ta' dħul ta' 150,000 ewro, se jgawdu madwar 16,000 persuna.

**Tabella 2.5 Reviżjoni tat-tariffi għar-reġistrazzjoni u l-illiċenzjar tad-dgħajjes**

| Kategorija | Tariffa Preżenti € | Tariffa Proposta € | Tariffa Preżenti Annwali € | Tariffa Proposta Annwali € |
|---|---|---|---|---|
| Bla magna < 3.6metres | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| Bla magna >3.6 metres | 58.23 | 0.00 | (5 snin*)34.94 | (5 snin*)10.00 |
| Mhux aktar minn 10 H.P. | 58.23 | 50.00 | (5 snin*)34.94 | (5 snin*)10.00 |
| 10H.P. sa 25H.P. | 465.87 | 50.00 | 46.59 | 20.00 |
| 25H.P sa 50H.P. | 582.34 | 50.00 | 58.23 | 30.00 |
| 50H.P. sa 75H.P. | 698.81 | 50.00 | 81.53 | 80.00 |
| 75H.P. sa 150H.P. | 757.04 | 50.00 | 104.82 | 100.00 |
| Aktar minn 150H.P. | 1164.68 | 50.00 | 139.86 | 140.00 |

(5 snin*) tiġdid tar-reġistrazzjoni annwali għall-perjodu ta' ħames snin

## Miżuri favur il-konsolidazzjoni fiskali

Mr. Speaker, bil-għan li jitkompla l-proċess ta' konsolidazzjoni fiskali, iddeċidejna li nieħdu dawn l-azzjonijiet:

1. Fejn kien possibbli, l-estimi finanzjarji għal-2010 tħallew fl-istess livell ta' din is-sena, jew saħansitra tnaqqsu sabiex b'hekk titnaqqas l-ispiża reali;

2. In-numru ta' ħaddiema li se jiġu ngaġġati fis-settur pubbliku matul is-sena d-dieħla se jkun sostanzjalment anqas min-numru ta' ħaddiema li se jispiċċaw mis-servizz pubbliku minħabba riżenji jew għaliex ikunu laħqu l-età tal-irtirar. Din l-azzjoni se tnaqqas l-ispiża pubblika b'madwar 10 miljun ewro;

3. Entijiet tal-Gvern li għandhom il-potenzjal li jkollhom dħul mis-settur li joperaw fih m'għandhomx jibqgħu jiddependu mis-sussidji tal-Gvern. Għalhekk fl-2010 se tiġi fis-seħħ struttura ġdida ta' tariffi għall-permessi li jinħarġu mill-MEPA li tfisser li din l-entità mhux se jkollha sovvenzjoni;

4. Qed tintensifika l-ħidma kontra kull tip ta' frodi fid-dħul u l-infieq tal-Gvern, inkluż dik marbuta mal-abbuż mill-benefiċċju soċjali. Sa Settembru ta' din is-sena, twaqqaf 861 benefiċċju b'valur ta' 3.1 miljun ewro fis-sena;

5. Se tissaħħaħ il-ħidma tal-Gvern biex jiġbor flusu u titnaqqas l-evażjoni u l-abbuż fiskali; u

6. Se nżidu wkoll id-dazju fuq is-sigaretti bejn 6.55 u 6.84 fil-mija, jiġifieri €0.15ċ. It-taxxa fuq il-prodotti l-oħra tat-tabakk se timxi ma' dawn iż-żidiet.

Minn din il-miżura, il-Gvern se jdaħħal 3.7 miljun ewro.

## Qafas fiskali u baġitarju ġdid

Mr. Speaker, se tiġi aġġornata l-*Financial Administration and Audit Act*, bil-għan li l-politika u l-qafas fiskali u baġitarju jiġi msaħħaħ, orjentat aktar lejn l-oġġettivi u r-riżultati mixtieqa u sabiex titkabbar it-trasparenza u l-kontabilità.

Matul l-2010, il-Gvern se jkompli jaħdem biex isaħħaħ il-qafas finanzjarju u baġitarju tal-pajjiż. Se tkompli tissaħħaħ ukoll is-sistema ta' moniteraġġ u evalwazzjoni finanzjarja fis-settur pubbliku. Fl-istess waqt, se tinħareġ is-sejħa għall-offerti għax-xiri tas-sistema tal-a*ccounting* tal-Gvern.

# Ninċentivaw l-investment produttiv biex noħolqu ix-xogħol

Mr. Speaker,

Fis-snin li ġejjin se nesperjenzaw realtajiet ekonomiċi ġodda u għaldaqstant irridu norjentaw l-istrateġija tagħna biex nindirizzaw dawn l-isfidi.

L-isfidi tax-xogħol mhumiex żgħar. Irridu nagħmlu kull sforz sabiex inħajru lil min irid jinvesti, Malti jew barrani. Irridu ninċentivaw lil min irid jibda n-negozju, ikabbar, jew iġedded l-attività tiegħu u sabiex jagħmel dan fi swieq u opportunitajiet ġodda.

## Inċentivi għall-industrija u l-intrapriża fl-2010

### L-iżvilupp ekonomiku

Mr. Speaker, biex inkunu nistgħu nagħmlu dan aħjar, se nkomplu nittrasformaw il-*Malta Enterprise* sabiex issir aġenzija ta' żvilupp ekonomiku aktar wiesa' li tinkorpora fiha:

- l-iżvilupp tal-intrapriża u l-għoti ta' servizzi integrati għall-ħtigijiet ta' kull min għandu attività ekonomika;
- il-promozzjoni ta' investiment barrani u lokali, b'enfasi fuq swieq ġodda, setturi ġodda ta' valur miżjud għoli; u

- l-iffaċilitar tal-kummerċ u l-għajnuna lill-intrapriżi biex jikkumerċjaw barra xtutna.

Għal dan il-għan se nżidu l-allokazzjoni għall-*Malta Enterprise* minn 4.9 miljun għal 5.6 miljun ewro.

**Inċentivi għall-intrapriża**

Mr. Speaker,

Matul din is-sena se nkunu kkommettejna mal-20 miljun ewro biex ngħinu lill-industrija tagħna tidħol fi swieq ġodda, f'għotjiet għar-riċerka u l-iżvilupp, f'għajnuna biex kumpaniji żgħar u ta' daqs medju jirrinnovaw il-proċessi, prodotti u servizzi tagħhom, fi skemi biex ngħinu kumpaniji innovattivi li għadhom jibdew u f'*grants* biex ninċentivaw l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika fl-operat ta' l-azjendi. Allokajna wkoll 10 miljun ewro f'għajnuniet biex isir l-investiment fl-enerġija li tiġġedded u f'titjib fl-effiċjenza tal-użu tal-enerġija.

Wara s-suċċess li rajna f'dawn l-iskemi, il-Gvern iddeċieda li jestendi l-iskema *20millionforindustry* b'allokazzjoni ta' 7 miljun ewro, biex b'kollox se nkunu allokajna 37 miljun ewro f'għotjiet lill-industrija u li se jiġu allokati hekk:

| | |
|---|---|
| *International Competitiveness* | 2 miljun ewro |
| *Innovation* | 3 miljun ewro |
| Riċerka u Innovazzjoni | miljun ewro |
| *e-business* | miljun ewro |

Fl-2010, se noħorġu sejħa oħra għall-iskema *Environment* fejn se jiġu vvutati 1.5 miljun ewro li ma ġewx allokati.

Fejn jidħol l-investiment barrani, nemmnu li r-riċessjoni internazzjonali tipprovdi opportunitajiet ġodda għal kumpaniji internazzjonali li llum il-ġurnata qed jiffukaw aktar fuq il-kontroll tal-ispejjeż, milli fuq it-tkabbir tal-operat. Fl-istess waqt, irridu ninċentivaw il-ħolqien ta' industriji ġodda u ta' valur miżjud għoli ġewwa pajjiżna, kif ukoll li ngħinu lill-investituri barranin li diġà joperaw f'pajjiżna sabiex jankraw b'mod aktar sod l-operat tagħhom. Għal dan il-għan, Mr. Speaker, il-Gvern qed iżid il-vot għall-inċentivi tal-*Malta Enterprise* minn 6.6 miljun ewro għal 9 miljuni, biex fost l-oħrajn, inniedu tliet inizjattivi ġodda biex inħajru l-investiment barrani lejn pajjiżna:

1. Se nħajru lill-investituri barranin li diġà joperaw f'Malta biex huma stess jiġbdu lejn Malta attivitajiet vertikali għall-operat eżistenti tagħhom, inklużi servizzi legali, finanzjarji, *back office* korporattivi, loġistika, riċerka u żvilupp tal-prodott, *marketing* u bejgħ, u *prototyping*;

2. Se nħajru kumpaniji ġodda barranin biex jistabbilixxu f'pajjiżna ċentri ta' *shared services* f'oqsma bħalma huma *call centres*, *software development*, *digital gaming*, riżorsi umani, *accounts* u mmaniġġjar tal-finanzi, riċerka tas-swieq u l-ippublikar fuq l-internet; u

3. Se nġeddu u nżidu dawk l-intrapriżi eliġibli għal inċentivi fiskali mogħtija taħt ir-*Reinvestment Tax*

*Credit (Income Tax) Rules* tal-2005, li huwa *tax credit* li jingħata kemm-il darba profitti jkunu ri-investiti fi proġett approvat mill-*Malta Enterprise*.

**Fond ta' Riżerva għall-Għajnuna lill-Intrapriżi**

Mr. Speaker,

Fuq l-esperjenza ta' din is-sena, qed inpoġġu wkoll is-somma ta' 2.5 miljun ewro f'Fond ta' Riżerva għall-Għajnuna lill-Intrapriżi sabiex nassistu meta jinqalgħu xi diffikultajiet temporanji f'intrapriżi li jkollhom futur viabbli, u li lesti jinvestu fil-futur tagħhom.

**L-iżvilupp ta' żoni industrijali**

Mr. Speaker,

Il-*Malta Industrial Parks* saret responsabbli wkoll minn żoni fejn l-industrija żgħira nibtet fuq art privata f'żoni differenti madwar Malta u Għawdex.

Fl-2010 se ninvestu 'l fuq minn 16-il miljun ewro fiż-żoni industrijali ta' Kordin, Ħal-Far, Bulebel, il-Mosta u x-Xewkija, filwaqt li bi sħubija mas-settur privat intelqu ż-żewġ *micro-enterprise parks* ġewwa l-Mellieħa u x-Xewkija Għawdex.

**Ir-riċerka u l-innovazzjoni**

Mr. Speaker,

Bil-għan li nilħqu l-miri tagħna fil-kuntest tal-Viżjoni 2015, aħna nemmnu li huwa kruċjali li ninkoraġġixxu bis-serjetà s-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni. Aktar

investiment f'dan is-settur joħloq aktar impjiegi ta' kwalità.

F'dan il-kuntest, u sabiex inwettqu l-istrateġija publikata għal dan il-qasam, u l-wegħdiet elettorali, qed nallokaw 1.7 miljun ewro sabiex:

- Il-Fond ta' Riċerka u Innovazzjoni jiġi rduppjat għal 700,000 ewro;

- Titfassal Strateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Industrija tal-Logħob Diġitali mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-*Malta Enterprise* u l-Università ta' Malta, u li għaliha qed nallokaw 250,000 ewro;

- Ninvestu 250,000 ewro oħra biex jitwaqqaf *databank* dwar il-*Genome Uman* bi sħab bejn il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-*Malta Enterprise* u l-Università ta' Malta;

- Nagħtu għotja ta' nofs miljun ewro lill-Università ta' Malta biex jitwaqqaf il-*Malta University Research, Innovation and Development Trust Fund* bil-għan li jinkoraġġixxi r-riċerka fl-Università u li jgħin fl-użu tagħha għal skopijiet kummerċjali u industrijali. Kull min jagħti donazzjoni ta' mhux anqas minn 150 ewro se jingħata tnaqqis tal-istess ammont mid-dħul taxxabbli sa massimu ta' 50,000 ewro;

- Tingħata rifużjoni ta' 15.2 fil-mija fuq spejjeż li fuqhom tkun tħallset it-taxxa f'proġetti ta' riċerka approvati mill-Ministeru tal-Finanzi u mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija;

- Nagħtu inċentiv ieħor sostanzjali lil persuni u entijiet li jagħmlu riċerka li twassal għal privattivi, *patents*, li jkopru l-invenzjonijiet tagħhom. Dan il-benefiċċju se jkun jikkonsisti f'eżenzjoni mit-taxxa fuq *royalties* u dħul simili, sa ammont massimu li se jiġi stabbilit, li jirriżultaw minn *patents* fuq invenzjonijiet li jkunu jikkwalifikaw fil-parametri stabbiliti fil-kuntest tal-politika ekonomika u industrijali tal-Gvern; u

- Jiġu integrati xi laboratorji tal-Gvern fil-Laboratorju Nazzjonali li eventwalment se jifforma parti mill-*Biotechnology Park* ġewwa San Ġwann, b'investiment ta' 20 miljun ewro.

**Appoġġ lin-negozji ż-żgħar u s-*self employed***

Mr. Speaker,

Il-Gvern huwa kommess li jkompli jħares l-interessi tal-intrapriżi u ta' dawk li jaħdmu għal rashom. Dawn huma l-mutur ekonomiku ta' pajjiżna u qed jikkontribwixxu bil-kbir lejn il-ħolqien tal-ġid u tal-impjiegi. Matul is-sena li ġejja se nieħdu numru ta' inizjattivi biex ngħinu lil dan is-settur.

B'mod partikolari, se nwaqqfu fond ta' 10 miljun ewro biex jingħata *micro-credit* ta' mhux aktar minn 25,000 ewro lil madwar 1,500 intrapriżi żgħar u medji u s-*self-employed*, bil-għan li jkollhom il-likwidità neċessarja għall-investiment. Dan il-kreditu mhux se jitlob l-istess kollateral bħall-banek, u se jkollhom rati ta' interessi vantaġġjużi. Barra minnhekk, il-*European Investment Bank*

lest jipprovdi 10 miljun ewro ieħor jekk id-domanda jiġġustifikah.

Se nagħtu wkoll numru ta' benefiċċji fiskali bl-iskop li ninċentivaw lil dawk l-intrapriżi li jinvestu, jespandu u jżidu l-effiċjenza tagħhom. Fost dawn:

- se nagħtu 40 fil-mija kreditu ta' taxxa, sa massimu ta' 25,000 ewro, lil dawk is-*self-employed*, intrapriżi li jħaddmu sa massimu ta' 10 persuni, u *sole traders*, li jinvestu fis-sentejn li ġejjin, u li:
    - se jirrinġaw il-ħanut jew il-facilità tagħhom;
    - se jinvestu f'makkinarju, teknoloġija, apparat jew sistemi li jtejbu l-operat tagħhom, inkluż sistemi li jgħinuhom jiffrankaw l-enerġija jew li jipproduċu enerġija alternattiva;
    - se jinvestu sabiex isiru *compliant* ma' regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà, l-ambjent, u l-aċċess fiżiku;
    - se joħolqu impjiegi ġodda jew jimpjegaw apprentisti wara l-10 ta' Novembru tal-2009; u
    - se ntellgħu l-kreditu ta' taxxa għal 60 fil-mija għal dawk li jagħmlu dawn l-investimenti ġewwa Għawdex; u
- se ninċentivaw lil min jagħmel spejjeż biex iżid l-aċċessibbiltà fuq il-post tax-xogħol għal impjegati ġodda li jkollhom diżabilità.

Mr. Speaker,

Se nwaqqfu Fond ta' 200,000 ewro għall-għajnuna lill-Intrapriżi tas-Snajja u l-Artiġġjanat sabiex isostnu lil dan is-settur.

Jeħtieġ ukoll li nkabbru l-għarfien dwar l-intrapriża u l-koperattivi, u ninvestu fil-kultura intraprenditorjali tagħna, billi:

- nressqu Abbozz ta' Liġi dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar;
- nwaqqfu Kunsill Konsultattiv għall-Intrapriża bħala forum ta' djalogu bejn il-Gvern, l-awtoritajiet regolatorji, u l-oqsma tan-negozju f'pajjiżna. Inħeġġeġ minn hawn lill-Kunsilli Lokali sabiex dawn ukoll iwaqqfu forum simili fil-lokalità tagħhom;
- ninfurzaw, b'emendi legali, id-dmir li ma tintalabx informazzjoni mingħand l-intrapriżi li diġà teżisti x'imkien ieħor fil-Gvern;
- sa Ġunju tas-sena d-dieħla, inwaqqfu punt ta' riferiment uniku, għall-intrapriza fi ħdan il-*Malta Enterprise* li jagħti wkoll assistenza fuq il-programmi tal-Unjoni Ewropea;
- ntejbu u nissimplifikaw aktar is-sistema ta' liċenzjar tan-negozju;
- sa Marzu li ġej, infasslu qafas biex in-negozji ż-żgħar u medji jingħataw aktar sostenn mill-ETC, mill-Awtorità tal-i*Standards* u mill-Awtorità dwar il-Ħarsien u s-Sigurtà fuq il-postijiet tax-Xogħol

sabiex dawn isaħħu l-konformità tagħhom mar-regoli dwar il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fil-postijiet tax-xogħol;

- nniedu proċess formali ta' konsultazzjoni biex nistabbilixxu liema huma dawk id-dipartimenti u l-entijiet pubbliċi li jista' jkollhom bżonn ta' aġġustament fil-ħinijiet tagħhom biex jaqdu l-ħtiġijiet tas-settur tan-negozju aħjar; u se
- nagħmluha tassattiva fuq id-dipartimenti u l-entijiet governattivi li jagħmlu stħarriġ indipendenti mal-istess intrapriżi, liema stħarriġ għandu jkun pubblikat u juri kif u fejn is-servizzi provduti jolqtu lill-intrapriżi u kif dawn jistgħu jitjiebu.

## Inċentivi għat-turiżmu

Mr. Speaker,

Bħal dan iż-żmien sena, konna pprevedejna li dan ma kienx se jkun perjodu faċli għas-settur turistiku tagħna minħabba l-kriżi internazzjonali.

Dejjem għidna li pajjiżna huwa espost aktar minn destinazzjonijiet turistiċi oħra minħabba d-dipendenza tiegħu fuq l-ivjaġġar bl-ajru.

Il-Gvern huwa konxju li t-turisti ma jiġux waħedhom. Għalhekk fil-baġit għal din is-sena mhux biss żidna l-fondi tal-MTA bi 3 miljun ewro fuq is-sena ta' qabel, iżda matul is-sena, żidna miljun ieħor għal *marketing* u r-reklamar intensiv fir-Renju Unit, l-Italja, il-Ġermanja,

Franza u l-Olanda. Ir-reklamar kontinwu kien bżonnjuż minħabba l-fenomenu tal-*late bookings* li qed jikkaratterizza lil din l-industrija.

Assigurajna li l-aċċessibbiltà lejn pajjiżna tkun waħda li ssostni l-industrija, tant li dan is-sajf żammejna l-istess *seating capacity* li kellna fis-sena li għaddiet. Ġew introdotti wkoll linji ġodda minn Bristol, Newcastle, Trapani, Edinburgh, Stokkolma u Madrid.

Matul din is-sena ħadna diversi inizjattivi oħra b'risq l-industrija tat-turiżmu, kif jidher f'Appendiċi B li qed nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija.

Il-Gvern se jkompli jinvesti aktar b'risq dan is-settur. Għas-sena d-dieħla, se nallokaw 31 miljun ewro lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex iżżid il-ħidma tagħha f'dawn iż-żminijiet diffiċli, inkluż pakkett speċjali biex nindirizzaw il-kriżi li minn 2 miljun ewro se ntellgħuh għal 5 miljuni.

Se nkomplu nsaħħu l-aċċessibbiltà lejn pajjiżna u ninvestu fl-appoġġ lil diversi linji tal-ajru. Għas-sena d-dieħla se nżidu r-rotot ġodda. Se nsaħħu wkoll ir-reklamar u *marketing* b'mod aggressiv fis-swieq prinċipali tagħna u se nħarsu lejn swieq ġodda bħalma hu l-Lvant Nofsani. Se nagħtu wkoll dehra ġdida lill-websajt *visitmalta.com*.

Barra minnhekk, il-Gvern qed jalloka nofs miljun ewro biex nestendu l-iskema mal-għaqdiet sportivi, kif ukoll l-iskema simili mas-settur pubbliku biex jattira konferenzi internazzjonali. L-MTA se testendi ukoll l-iskema ta' għajnuna lil dawk il-lukandi li jżidu ir-reklamar tagħhom fuq l-2009 billi tiffinanzja nofs l-ispiża addizzjonali.

**Ir-rata tal-VAT fuq ir-ristoranti**

Mr. Speaker, ilna għaddejjin ix-xhur bid-diskussjoni dwar jekk jagħmilx sens ekonomiku u finanzjarju li titnaqqas ir-rata tal-VAT fuq ir-ristoranti minn 18 għal 5 fil-mija. Bi qbil mal-MHRA, il-Gvern ikkummissjona studju tekniku dwar din il-proposta li r-riżultat tiegħu qed inpoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra. Jirriżulta li, jekk dan it-tnaqqis tal-VAT jgħaddi kollu għand il-konsumatur, it-tkabbir ekonomiku fl-2010 ikun ta' 0.2 fil-mija, u jitla' għal 0.6 fil-mija fl-2011. Iżda, d-dħul għall-Gvern jonqos b'29 miljun ewro fl-2010 u bi 23 miljun ewro fl-2011. L-esperjenza minn pajjiżi oħra, fejn ittieħdet miżura bħal din, turi li tnaqqis bħal dan sostjanzalment ma jgħaddix għand il-konsumatur, u l-impatt ekonomiku tagħha kien relattivament żgħir. Fuq kollox, l-istudju li għamilna juri li, jekk tittieħed din il-miżura, l-industrija turistika mhix se tibbenifika wisq. Għalhekk, fuq il-bażi ta' din l-evidenza kollha, il-Gvern jemmen li m'għandux jieħu miżura li minnha kemm il-konsumatur kif ukoll l-ekonomija se jibbenfikaw ftit, u fl-istess waqt twassal għal taxxi ġodda biex jikkumpensa għat-telf fid-dħul.

## Skemi u inizjattivi għall-ħolqien tax-xogħol

Mr. Speaker,

Ix-xogħol huwa għajn ta' ġid personali u għall-komunità kollha. Dan il-Gvern dejjem qies ix-xogħol bħala l-bażi ta' kull progress ekonomiku u soċjali. L-isfidi f'dan il-qasam ma jieqfu qatt, speċjalment bħalissa meta l-maltemp ekonomiku qawwi li għaddejjin minnu qiegħed iħalli

impatt kbir f'ħafna pajjiżi. Aħna wkoll qed nintlaqtu, u ma nistgħux nonqsu milli nkomplu ninvestu f'dan il-qasam.

Għalhekk, se nħabbar numru ta' miżuri ġodda li għandhom jgħinu lil dawk li jridu jaħdmu u li qed ifittxu x-xogħol. Qed nallokaw 3.3 miljun ewro, 1.3 miljun aktar minn din is-sena lill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ biex inniedu numru ta' inizjattivi ġodda, u fosthom se:

- Nniedu skema ġdida, magħrufa bħala l-*Work Trial Scheme,* li tfittex li tintegra persuni, li mhux qed jaħdmu f'post tax-xogħol, għal 12-il ġimgħa bil-għan li jakkwistaw l-esperjenza tax-xogħol u bil-possibbiltà li jiġu ppruvati. Għall-2010, l-ETC qed timmira li tolqot 500 persuna;
- Nwaqqfu ċentru ġdid f'Birkirkara għall-impjieg taż-żgħażagħ;
- Nipprovdu skema bi prova li tagħti esperjenza ta' xogħol lil min huwa qiegħed u lil dawk li huma mħajra jidħlu fis-suq tax-xogħol;
- Ngħinu fil-ħlas għaċ-*childcare* lill-ommijiet li jixtiequ jidħlu għall-programmi ta' taħriġ;
- Nsaħħu s-servizz ta' pariri lil min ikun qiegħed ifittex ix-xogħol;
- Nirrevedu l-politika u r-reġistru tal-persuni b'diżabilità;
- Nipprovdu assistenza personali lil persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol;

- Ngħinu lil min jimpjega persuni b'diżabilità severa biex ikun jista' jipprepara l-post tax-xogħol tiegħu għal persuni bħal dawn;

- Nestendu l-iskema ta' xogħol fil-komunità għal min qiegħed jirreġistra għax-xogħol;

- Nagħmlu kampanja biex nispjegaw il-benefiċċji ta' xogħol dikjarat; u se

- Ninvestu f'laboratorju tal-kompjuters mobbli biex jintuża għat-taħriġ barra mill-klassi.

Mr. Speaker, nemmnu li f'dan il-baġit għandna nagħmlu pass ieħor kuraġġjuż f'dan il-qasam. Mhux aċċettabbli li f'pajjiżna jkollna żgħażagħ bejn l-eta ta' 16 u 20 sena li mhumiex impenjati, jew f'xogħol, jew f'taħriġ biex itejbu l-ħiliet tagħhom billi jattendu xi istituzzjoni edukattiva jew forma oħra ta' taħriġ.

Mhux aċċettabbli wkoll li f'pajjiżna jkollna żgħażagħ li mhu qed jagħmlu xejn minkejja li jifilħu jaħdmu jew jitħarrġu. Għalhekk, se nidħlu għal programm ta' taħriġ *full-time*, ġdid u ambizzjuż, għal dawk iż-żgħażagħ li ma jkunux jaħdmu jew jitħarrġu jew f'edukazzjoni post sekondarja. Dawn iż-żgħażagħ se jkollhom l-opportunità li permezz ta' dan il-programm jiksbu kwalifika rikonoxxuta mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki. Din il-kwalifika tkun tista' tintuża wkoll mal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Dan il-kors se jagħti aktar ħiliet u formazzjoni liż-żgħażagħ tagħna kemm għax-xogħol kif ukoll għall-ħajja.

Iż-żgħażagħ li jidħlu għal dan il-proġett se jingħataw stipendju wkoll. Għal dan, qed nallokaw nofs miljun ewro.

Apparti dan, se nallokaw 6.2 miljun ewro oħra mill-Fond Soċjali Ewropew biex nimplimentaw il-programm estensiv ta' impjiegi għaż-żgħażagħ.

**Servizz ta' *childcare***

Mr. Speaker,

Biex inkattru x-xogħol, jeħtieġ li jkollna aktar faċilitajiet li jagħtu appoġġ lil familji bit-tfal fil-ħin li l-ġenituri jkunu qed jaħdmu. Bħal dan iż-żmien sena konna ħabbarna żieda fin-nefqa f'ċentri tat-tfal ta' matul il-jum ta' 160,000 ewro. Dan għaliex nemmnu li għandna nkomplu ninċentivaw aktar nisa biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Dalwaqt se nifthu żewġ ċentri fl-iskejjel primarji, wieħed ġewwa s-Siġġiewi u ieħor ġewwa Pembroke. Konna ħabbarna wkoll li huwa l-ħsieb tal-Gvern li l-10 kulleġġi jkollhom minn ta' lanqas ċentru kull wieħed.

Ftaħna wkoll iċ-ċentri *SmartKids* ġewwa l-Kottonera, Birkirkara u l-Qawra b'servizz speċjalizzat ta' *childcare* li jindirizzaw ukoll id-diffikultajiet li jkunu għaddejjin minnhom ċerti familji. Hija l-intenzjoni tal-Gvern li jiftaħ ċentri oħra ta' dan it-tip, fosthom ġewwa l-iskola primarja ta' Bormla.

Mr. Speaker, dan il-vot se nirduppjawh, b'żieda ta' 300,000 ewro biex b'hekk se nilqgħu għad-domanda għal dan is-servizz. F'dawn l-aħħar tliet snin se nkunu pprovdejna madwar 500 post ta' *childcare* f'numru ta'

ċentri. Matul is-sena li ġejja se nwaqqfu *Child Care Unit* nazzjonali, filwaqt li se ninvestu f'ċentri ġodda ġewwa Santa Venera, il-Floriana, l-Imsida u ż-Żejtun.

Tajjeb infakkar li, wara l-introduzzjoni b'suċċess ta' tliet proġetti pilota fl-iskejjel, fejn dawn qed jinżammu miftuħa wara l-ħin għal dawk it-tfal li l-ġenituri tagħhom jeħtieġu dan is-servizz, nemmnu li dan is-servizz jista' jiġi estiż bil-mod għal skejjel oħra. Għal dan il-għan, se nagħmlu l-investiment meħtieġ sabiex żewġ skejjel oħra jibdew joffru dan is-servizz mis-sena d-dieħla.

Se nagħtu wkoll taħriġ għal min joffri servizz ta' *childcare* fid-dar tiegħu, filwaqt li jieħu ħsieb ukoll it-tfal ta' ħaddieħor. Dan it-taħriġ se jkun konformi mal-i*standards* li l-Gvern kien ħareġ fl-2006 u rikonoxxut mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki. Filwaqt li nkomplu nħarsu lejn dawn l-i*standards*, se nintroduċu wkoll skema fejn se tingħata għajnuna finanzjarja u teknika ta' darba biex il-livell ta' servizz jiġi assigurat.

Mr. Speaker, il-liġi tat-taxxa diġà tagħti tnaqqis lil ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom f'*child care centre*. Mis-sena d-dieħla se jingħata inċentiv ukoll lil dawk l-*employers* li jagħmlu spejjeż biex joħolqu ambjent fuq il-post tax-xogħol fejn ikun provdut servizz ta' *child care* għal ulied l-impjegati tagħhom.

Bħalissa wkoll, it-tnaqqis ta' 1,000 ewro huwa mogħti biss fir-rigward ta' tfal li ma jkollhomx aktar minn tliet snin, u li jkunu jattendu ċentri reġistrati mhux fix-xhur tas-sajf. Din il-miżura favur il-familja se titwessa' aktar biex

titgawda anki fejn it-tfal ikunu akbar minn tliet snin u jattendu dawn iċ-ċentri fix-xhur tas-sajf.

## Miżuri favur il-moralità fiskali u kontra l-evażjoni tat-taxxa

Mr. Speaker,

Il-Gvern huwa ċar fil-politika tiegħu favur il-moralità fiskali u kontra l-evażjoni tat-taxxa, u b'hekk se nintensifikaw l-ħidma tagħna f'dan ir-rigward. F'dan il-baġit qed nikkommettu ruħna li nżidu d-dħul tal-Gvern billi, kif diġà ħabbart b'numru ta' inizjattivi u inċentivi, nistimulaw l-attività ekonomika. Iżda, jeħtieġ ukoll li nkomplu ntejbu l-infurzar tal-liġijiet eżistenti, filwaqt li ndaħħlu aktar kontrolli biex niżguraw li dak li għandu jidħol għand il-Gvern, jitħallas. Konvint, Mr. Speaker, li jekk kulħadd jagħti dak li hu dovut, dan il-pajjiż ikun kapaċi jgħaddi b'livelli anqas ta' tassazzjoni milli għandna llum.

Se nħarrxu l-ġlieda kontra l-evażjoni, u kontra kull forma ta' kutrabandu u reati oħra li b'xi mod jolqtu d-dħul tal-Gvern b'mod negattiv. Għal dan il-għan:

- se nibdew il-proċess biex id-Dipartimenti tat-Taxxi Interni, tal-VAT u tad-Dwana jingħaqdu flimkien biex, fost l-oħrajn, l-informazzjoni miġbura mill-entijiet fiskali tkun tista' tintuża mid-diversi taqsimiet tal-entità l-ġdida. Għalhekk, filwaqt li din l-amalgamazzjoni għandha ttejjeb is-servizz li jingħata lill-klijenti ta' dawn id-dipartimenti, dawn għandhom ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jinfurzaw

il-liġijiet fiskali ta' pajjiżna. Dan se jippermetti wkoll li tiddaħħal ukoll sistema ta' *set-offs* fis-sistema finanzjarja;

- wara l-esperjenza li għaddejna minnha din s-sena fid-Dipartiment tal-VAT, fejn irriżulta li numru ta' kumpaniji kienu qed jitolbu rifużjonijiet fuq VAT imħallsa, waqt li jonqsu milli jittemporaw ruħhom mal-obligi ta' *filing* għal skop ta' *income tax* biex ma jaqgħux taħt skrutinju, mil-1 ta' Ġunju tal-2010, mhux se jitħallsu rifużjonijiet fuq VAT jew *income tax* jekk ir-*returns* dovuti taħt iż-żewġ sistemi ma jkunux intbagħtu. Dan se jgħin biex jiġu identifikati dawk il-kumpaniji li l-operat tagħhom jidher li ma jiġġustifikax dawn ir-rifużjonijiet. Filwaqt li nifhem li din tista' toħloq diffikultajiet għal dawk il-kumpaniji li għandhom snin fejn ir-*return*, b'mod partikolari tal-*income tax* għadhom ma ntbagħtux, inħeġġeġ lil dawn il-kumpaniji biex jaħtfu l-opportunità ta' l-iskema mħabbra ftit ġimgħat ilu biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom; u

- fi żminijiet meta d-dħul mit-taxxi dipendenti fuq l-attività ekonomika huma mistennija li jonqsu, diversi pajjiżi qed idaħħlu fil-liġijiet tagħhom dispożizzjonijiet aktar speċifiċi kontra l-abbużi biex jipproteġu d-dħul tagħhom. L-introduzzjoni ta' l-hekk imsejħa *anti-abuse provisions* jgħinu biex ma tintilifx it-taxxa, u b'hekk ma jitpoġġiex aktar piż fuq is-soċjetà in ġenerali. Se nindirizzaw, fost l-oħrajn, ċertu *tax planning* aggressiv li qed jiġi nnutat riċentement, u li qed jirriżulta f'telf ta' taxxa

għall-Gvern, billi xi wħud qed japprofittaw ruħhom minn defiċjenzi jew nuqqas ta' kjarezza fil-liġijiet fiskali. Permezz ta' diversi dispożizzjonijiet li se jiddaħħlu fl-istadju ta' kumitat tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Miżuri tal-Estimi, irridu nnaqqsu l-inċertezza f'dik li hi applikazzjoni u interpretazzjoni tal-liġijiet fiskali.

Mr. Speaker, se nkomplu nħarrxu wkoll il-ġlieda kontra l-kutrabandu tad-*diesel* u l-evażjoni tas-sisa li hemm fuqu. Għal dan il-għan, il-fjuwil kollu li jintuża f'pajjiżna se jiġi mmarkat b'DNA *marking* u kuluri speċifiċi għall-użu ta' dak il-fjuwil, u li se jkun jista' jinxtara biss mid-Dwana. Għal dan il-għan, id-Dwana se tiġi attrezzatta b'apparat apposta biex isiru testijiet fuq vetturi, pompi tal-*petrol*, jew postijiet ta' ħażna, u li jsiru *on the spot*. Barra minnhekk, se ndaħħlu penalitajiet aktar ħorox għal min jinqabad juża jew jittraffika l-fjuwil bil-kutrabandu. Dawn se jinkludu multi, sekwestru u/jew konfiska ta' inġenji u proprjetajiet fejn tinstab il-ħażna, kif ukoll is-sospensjoni jew l-irtirar ta' liċenzji fil-kaz ta' operaturi liċenzjati f'dan is-settur.

Se nħarrxu wkoll il-ġlieda kontra kull tip ta' kutrabandu ieħor, inkluż dak tas-sigaretti u x-xorb alkoħoliku. Għal dan il-għan, qed inżidu l-penalitajiet fuq dan l-abbuż kif jidher fl-emendi tal-liġijiet rispettivi li qed inressqu.

Iżda, min-naħa l-oħra, Mr. Speaker, sabiex ikollna sistema ta' taxxa mibnija fuq fiduċja reċiproka bejn id-dipartimenti li jamministrawha, it-*taxpayers* u l-*istakeholders* kollha, hemm bżonn li d-dipartimenti tat-taxxa jkunu trasparenti u *accountable* għall-imġieba tagħhom mal-pubbliku. Irridu jkunu professjonali u ġusti,

jagħmluha eħfef u irħas għall-pubbliku li jaqdi l-obbligi tiegħu, jagħtu informazzjoni ta' min joqgħod fuqha, u jkunu sodi ma' min jipprova jevadi l-ħlas tat-taxxa. Għalhekk, mis-sena d-dieħla, se tiġi żviluppata *Taxpayer's Charter* li għandha tgħin lill-pubbliku jifhem id-drittijiet li għandu bħala *taxpayer*, is-servizz u l-livell ta' servizz li għandu jistenna mid-dipartimenti, kif ukoll x'inhuma d-dmirijiet tat-taxxa. Dan iċ-*Charter* mhux intenzjonat li jieħu post il-protezzjoni legali li l-liġi diġà toffri lit-*taxpayers*, bħall-kunfidenzjalità, id-*data protection*, u d-diversi drittijiet oħra.

## Nisfruttaw ir-riżorsi tagħna aħjar biex nilqgħu għal kriżijiet simili fil-futur

Mr. Speaker, għal żmien twil, il-proprjetà tal-Gvern kienet meqjusa bħala riżorsa li, l-iskop uniku tagħha kien li tinbiegħ u mir-rikavat il-Gvern jiffinanzja l-ħtiġijiet annwali tiegħu. Il-Gvern jemmen li l-proprjetà tal-Gvern għandha tintuża ħafna aħjar bħala forma ta' investiment aktar fit-tul, u li tista' tagħti *return* kull sena.

Bħala pass ieħor importanti biex il-pubbliku jkun moqdi aħjar, u biex il-Gvern ikun aktar effettiv u effiċjenti, se ninvestu f'sistema ta' teknoloġija ġdida. Din is-sistema se tippermetti qabża ta' kwalità u aktar effiċjenza. Irridu sistema li ma tiddependix fuq it-80,000 *file* bl-informazzjoni kollha dwar il-proprjetà tal-Gvern. Din is-sistema elettronika se ġġib riforma mill-qiegħ li se tħalli effetti kbar fuq l-operat tat-Taqsima tal-Artijiet.

Min-naħa l-oħra, f'dan il-baġit qed nivvutaw 10 miljun ewro biex jiġu aċċelerati ħlasijiet ta' esproprju qabel l-

1994, kif ukoll biex nirrisolvu każijiet antiki ta' pussess u użu minn gvernijiet soċjalisti li ħadu l-artijiet għal skopijiet ta' *housing* u qatt ma taw il-kumpens tal-art lis-sidien konċernati.

**Fond Nazzjonali għall-Investiment**

Mr. Speaker, il-Gvern iddeċieda li jwaqqaf Fond Nazzjonali għall-Investiment bl-iskop li jservi bħala mezz ta' investiment fit-tul għall-pajjiż. Dan il-Fond għandu l-għan li joħloq sorsi ġodda ta' dħul għall-Gvern sabiex b'hekk titnaqqas id-dipendenza tal-Gvern fuq id-dħul mit-taxxi diretti u indiretti mill-poplu tagħna.

Dan il-Fond għandu jkun istituzzjoni li titmexxa fuq linji purament kummerċjali minn tim ta' persuni professjonali. Il-Fond se jkollu kumitat li jfassal il-politika għall-investiment tal-fond u l-miri finanzjarji tiegħu.

Il-ħsieb hu li l-Fond jaħdem fi tlett oqsma ewlenin:

1. l-immaniġġjar u t-tmexxija tal-proprjetajiet kummerċjali tal-Gvern bil-għan li jiġi mmassimizzat id-dħul li l-iStat għandu minn din il-proprjetà;

2. li jkollu investimenti fi *stocks* u ishma, kemm lokali kif ukoll barranin, u li ma jkun hemm qatt interess ta' tmexxija; u

3. li jinvesti fi proġetti nazzjonali jew ta' natura strateġika għall-pajjiż, bħalma huma l-proġetti marbuta mar-riġenerazzjoni tal-Belt.

## Swieq aktar kompetittivi u stabilità fil-prezzijiet

### Kontroll tal-inflazzjoni

Mr. Speaker, fl-aħħar sentejn u nofs, id-dinja għaddiet minn taqlib ekonomiku u finanzjarju kbir. Fil-qasam tal-prezzijiet rajna ċaqliq straordinarju, speċjalment fil-prezzijiet ta' ħafna prodotti essenzjali. Rajna l-isplużjoni fil-prezzijiet taċ-ċereali, u volatilità kbira fil-prezzijiet taż-żejt.

B'ekonomija miftuħa u dipendenti fuq l-importazzjoni ta' ħafna mill-ħtiġijiet tagħha, dawn ix-xejriet fil-prezzijiet internazzjonali laqtuna fil-laħam il-ħaj u għalfu mhux bi ftit l-inflazzjoni lokali.

Mr. Speaker, aħna kommessi li nagħmlu dak kollu possibbli, u li jagħmel sens fil-kuntest ta' suq ħieles u kompetittiv, biex inżommu l-inflazzjoni f'pajjiżna taħt kontroll. Dan hu meħtieġ sabiex nissalvagwardjaw il-valur ta' flusna, u allura, il-livell tal-ħajja li ngħixu, kif ukoll ix-xogħol li jiddependi bil-kbir mill-kompetittività internazzjonali ta' pajjiżna. Dan kollu jiġi mhedded meta l-livell ta' prezzijiet f'pajjiżna jitla' b'mod mhux ġustifikat u f'kontradizzjoni mar-regoli bażiċi ta' suq ħieles u kompetittiv.

Il-Gvern qed jaħdem biex iwarrab min-nofs kull inflessibbiltà li jista' jkun hemm fis-swieq tagħna u li tista' tikkontribwixxi biex il-prezzijiet ikomplu jitilgħu 'il fuq. Għal dan il-għan wasalna biex inniedu r-riforma fid-Diviżjoni tal-Kompetizzjoni Ġusta u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, biex inwaqqfu l-Awtorità Maltija għall-Kummerċ Ġust, kif imwiegħed fil-programm elettorali.

Se tinħoloq ukoll entità għall-ħarsien tal-konsumatur. Din l-entità se jkollha rwol importanti fl-edukazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur, u se tniedi skemi ta' fiduċja bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ. Se ssaħħaħ ukoll il-mekkaniżmu tal-*Price Watch*.

Qasam ieħor li qed jippreokkupa lil dan il-Gvern hu dak tal-mediċini. Il-mekkaniżmu volontarju li konna nidejna mas-settur ma kellux ir-riżultati mixtieqa. Għaldaqstant, se jiddaħħal mekkaniżmu aktar effiċjenti u effettiv dwar il-prezzijiet tal-mediċini. Filwaqt li l-istħarriġ fuq il-prezzijiet se jibqa' jsir fuq il-prinċipji maqbula fit-twaqqif ta' dan il-kumitat, il-mekkaniżmu se jinbidel għal wieħed mandatorju sakemm ma tiddaħħalx sistema alternattiva għalih.

Qed inħarsu wkoll mill-qrib lejn l-operat tal-pitkalija – settur sensittiv minħabba d-dipendenza tal-bdiewa fuq l-istruttura preżenti. Huwa fatt li l-prezzijiet tal-frott u l-ħxejjex mhux qed jirrispondu għax-xejriet internazzjonali minħabba diversi prattiċi li la huma fl-interess tal-bdiewa u wisq anqas tal-konsumatur.

Mr. Speaker, se jibda jitħejja rapport mill-Ministeru tal-Finanzi dwar il-kawżi u x-xejriet fil-prezzijiet tal-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-assi, u l-prodotti u s-servizzi bl-imnut, u dwar kif dawn qed jolqtu lill-konsumaturi u lill-intrapriżi. Dan ir-rapport se jibda jkun pubblikat u sottomess lill-imsieħba soċjali għad-diskussjoni fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

Se nwaqqfu wkoll il-Kulleġġ tar-Regolaturi bl-iskop li dan iservi ta' forum ko-ordinattiv għall-Entijiet kollha li b'xi mod għandhom funzjoni marbuta mas-swieq tagħna. Dan il-Kulleġġ se jkun magħmul mir-regolaturi kollha li għandna fil-pajjiż, u minn rappreżentanti tal-MCESD. Kull regolatur se jintalab jibda jinforma u jiddiskuti ma' dan il-Kulleġġ dak kollu li jkun għaddej u l-azzjonijiet li jkun qed jieħu fil-qasam tiegħu, u li b'xi mod ikunu qed jinfluwenzaw lill-intrapriżi, lill-ħaddiema u lill-konsumaturi.

**Il-Prezz tal-Energija**

Mr. Speaker,

Malta hija totalment dipendenti fuq iż-żejt biex tiġġenera l-elettriku u ssaffi l-ilma baħar. Il-prezz internazzjonali taż-żejt għadu instabbli ħafna u qed jiżdied.

Mr. Speaker,

Iż-żidiet fil-prezz taż-żejt irridu nħalsuhom bilfors biex nixtru ż-żejt li għandna bżonn. In-nefqa li nagħmlu tista' tinġabar biss b'żewġ metodi: jew mit-tariffi li jħallas kulħadd, jew permezz tas-sussidji li jinġabru mit-taxxi. Dan il-Gvern minn dejjem uża ż-żewġ metodi – sussidji u tariffi – u hekk bi ħsiebna nkomplu nagħmlu.

Hija illużjoni li naħsbu li t-tariffi tad-dawl u l-ilma mhux se jogħlew meta jogħla ż-żejt minn barra, jew li ma jorħsux meta ż-żejt jorħos. Veru li aħna għamilna snin twal ma nċaqalqux it-tariffi tagħna għax konna nżidu jew inaqqsu s-sussidju, imma dan kien possibbli biss sakemm

iż-żejt kien għadu bl-20 jew 30 dollaru l-barmil, u mhux kif inhu llum!

**Għajnuna lill-familji**

Mr. Speaker,

Il-Gvern huwa konxju li l-prezzijiet internazzjonali għolja taż-żejt, li wasslu għal żidiet fit-tariffi tad-dawl u l-ilma, tefgħu piż fuq il-familji tagħna. Dawn it-tariffi affettwaw l-inflazzjoni u allura wasslu sabiex jogħla l-kumpens għall-għoli tal-ħajja li qegħdin nagħtu f'dan il-baġit. Minħabba li l-prezz taż-żejt reġa' tela', it-tariffi tad-dawl u l-ilma se jerġgħu jiġu aġġustati mill-1 ta' Jannar li ġej. Il-proposta tal-EneMalta, għal dan il-għan, qiegħda tiġi studjata mill-Awotorità Maltija għar-Riżorsi. Iżda, f'dan l-istadju u minn qabel ma' jiġu approvati dawn it-tariffi ġodda, il-Gvern ħass li għandu jilqa' għal dawn iż-żidiet billi jfassal għajnuna finanzjarja diretta lill-familji tagħna sabiex, kemm jista' jkun, numru kbir ta' familji ma jarawx żidiet fil-kontijiet tagħhom meta mqabbel ma' dak li hemm illum. Oħrajn mhumiex se jaraw żidiet kbar. Fl-għoti ta' din l-għajnuna l-Gvern iddecieda li jgħin lill-familji li ma jaħlux aktar minn 10,000 *unit* tal-elettriku. Għaldaqstant, kważi 97 fil-mija tal-familji kollha fil-pajjiż se jirċievu għajnuna mill-Gvern. Il-kumpens li se nagħtu se jkun hekk:

**Tabella 3.1 Kumpens lill-familji**

| **Daqs tal-Familja** | **Kumpens (ewro)** |
|---|---|
| 1 | 55 |
| 2 | 80 |
| 3 | 105 |
| 4 | 130 |
| 5 | 155 |
| 6 | 180 |
| 7 | 205 |

Din l-għajnuna se tiswa lill-Gvern 10 miljun ewro.

Barra minnhekk, il-Benefiċċju tal-Enerġija se jiġi aġġustat biex jgħin it-28,000 familja, liema għajnuna se tiswa lil Gvern 7 miljun ewro.

Irrid infakkar ukoll li l-Gvern waqqaf Fond ta' Riżerva għall-Għajnuna lill-Intrapriżi ta' 2.5 miljun ewro li jikwalifikaw għalih entijiet li jistgħu jidħlu f'diffikultajiet. Se jingħata wkoll sussidju dirett lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ta' 14.6 miljun ewro biex jintuża fuq id-drenaġġ.

## Ninvestu fl-infrastruttura ta' pajjiżna biex insostnu t-tkabbir ekonomiku

Mr. Speaker,

Il-baġit ta' din is-sena qed jippreżenta nefqa ta' investiment kapitali ta' madwar 430 miljun ewro, li minnhom madwar 180 miljun huma minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

Nemmnu li l-impatt ta' dan l-investiment fl-2010 għandu jgħin biex pajjiżna joħroġ mir-riċessjoni.

### Toroq arterjali u residenzjali ġodda

Mr. Speaker, l-investiment fit-toroq ta' pajjiżna s-sena d-dieħla se jlaħħaq 43.7 miljun ewro, li jinkludi kemm programm ta' bini ta' toroq arterjali u oħrajn f'diversi lokalitajiet. Se titlesta t-triq ta' Wied il-Għajn, filwaqt li se jinbnew Triq Valletta li tagħti għaż-Żurrieq u t-triq li minn Ħaż-Żabbar twassal għal ħdejn SmartCity. Se jittejbu wkoll it-triq tal-Marfa, it-triq fil-Marsa li twassal għall-Menqa u t-*terminal* tal-merkanzija, it-Triq ta' l-Imġarr f'Għawdex u Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa bejn il-Marsa u Ħal Luqa.

Matul is-sena d-dieħla wkoll se nkomplu ninvestu 14-il miljun ewro fuq il-manutenzjoni u l-bini mill-ġdid ta' ħafna toroq f'diversi bliet u rħula. Dan sabiex intejbu l-kwalità tagħhom u s-sigurtà tagħna.

Nemmnu li fejn jidħlu l-bini u l-manutenzjoni tat-toroq hemm wisa' għal parteċipazzjoni attiva mis-settur privat. Għalhekk:

- se naħdmu biex, b'koperazzjoni mal-Kunsilli Lokali, jinħarġu numru ta' sejħiet għall-offerti għall-bini ta' għadd ta' toroq fl-irħula u l-ibliet permezz ta' *public private partnership*, li l-kuntrattur li jidħol għax-xogħol jobbliga ruħu li jibni u jmantni għal numru ta' snin, u li jitħallas għalihom fil-perjodu li hu jkun responsabbli għalihom. Il-Gvern qed jalloka miljun ewro fis-sena taħt il-Fondi Speċjali għall-Kunsilli Lokali, u dawk li jiddeċiedu li jipparteċipaw iridu joħorġu nofs l-ispiża. Il-fond li jkun dedikat għal din l-iskema jitla' għal żewġ miljun ewro. Dan il-proġett huwa stmat li jiswa mat-tmien miljun ewro;

- se jinbeda wkoll ix-xogħol biex tinħareġ sejħa għall-offerti għall-bini ta' diversi toroq mill-ġdid f'Għawdex fuq l-istess mudell, liema proġett huwa stmat li jiswa mal-erba' miljun ewro.

Dan kollu jfisser li n-nefqa fuq l-infrastruttura tat-toroq għall-2010 tista' tlaħħaq mal-53.7 miljun ewro.

## Trasport

### Riforma fit-trasport pubbliku

Mr. Speaker,

Aħna nemmnu li għandna nindirizzaw is-sistema ta' trasport pubbliku tagħna. Dan hu meħtieġ jekk irridu

nnaqqsu d-dipendenza eċċessiva fuq il-karozzi privati u l-ħsara ambjentali li din qiegħda tikkawża. Ftit napprezzaw l-impatt ekonomiku negattiv li toħloq sistema ta' transport ineffiċjenti. Operaturi ekonomiċi qed jaħlu ħafna ħin u fjuwil maqbudin fit-traffiku, fil-konġestjoni, tfittxija ta' *parking*, u dan kollu jnaqqas il-produttività.

Bir-riforma, il-Gvern jemmen li nistgħu noffru alternattiva viabbli għall-karozza privata, u dan mingħajr ma jkun hemm impatt fil-prezzijiet li l-konsumatur qed iħallas illum. Għalkemm għall-bidu l-Gvern huwa propens li jibqa' jagħti xi forma ta' sussidju lill-operatur il-ġdid, is-sistema ma tistax tibqa' fuq il-prinċipju li aktar ma s-servizz igerrex passiġġieri aktar nissussidjawh. Is-sussidju jrid ikun ikkumplimentat mill-motivazzjoni tal-profitt biex l-operatur iħajjar aktar nies jużawh. Il-viabilità kummerċjali u, allura t-tneħħija eventwali tas-sussidju, tiġi meta jirnexxielna nħajru aktar nies jitilqu l-karozzi tagħhom u jibdew jużaw il-karozza tal-linja.

L-Awtorità l-ġdida responsabbli mit-trasport se tinvesti disa' miljun ewro għal vened ġodda fil-Belt Valletta, fir-Rabat Għawdex, u fiċ-ċentru turistiku ta' Buġibba. Barra minnhekk, se jittejbu madwar 10 lokalitajiet oħra madwar Malta li se jikkonċentraw numru kbir ta' servizzi tal-linja. Se nespandu l-*Park and Ride* ta' l-Blata l-Bajda u niżviluppaw tnejn ġodda, waħda fil-Marsa u oħra Pembroke.

**Riforma fit-Taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi kummerċjali**

Mr. Speaker, wara r-riforma li għamilna s-sena li għaddiet fil-qasam tal-vetturi żgħar, issa wasalna biex nipproponu r-riforma fil-qasam tat-taxxa tar-reġistrazzjoni u l-illiċenzjar tal-vetturi kummerċjali.

Din ir-riforma hija ntiża li tinċentiva lil min iħammeġ l-anqas. It-taxxa tar-reġistrazzjoni se tagħti każ il-*Euro Standard* tal-vettura. F'dawn it-tipi ta' vetturi dan hu l-kejl li tuża l-Unjoni Ewropea dwar l-emissjonijiet. Is-sistema l-ġdida se tinkoraġġixxi vetturi kummerċjali *Euro 5* u *4* li jitqiesu li jħammġu l-anqas. Vetturi b'dawn l-i*standards* mhu se jkollhom l-ebda taxxa ta' reġistrazzjoni.

Min-naħa l-oħra, fuq vetturi li huma *Euro 3* l-isfel, se jkun hemm taxxa ta' reġistrazzjoni li mhux se tkun marbuta mal-valur tal-vettura imma mal-piż. Jista' jkun hemm każ fejn it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi għall-bejgħ minn importaturi f'dan is-settur, jingħata perjodu ta' sentejn transizzjoni li matulu l-vetturi jibqgħu jinbiegħu skont fuq ir-reġim il-qadim.

Il-liċenzji taħt is-sistema l-ġdida wkoll se nagħtu każ tal-*Euro Standard*. Dawk fil-kategorija *Euro 4* u *5* se jorħsu fl-ewwel disa' snin, filwaqt li dawk ta' *standard* aktar baxx se jiżdiedu. Biex l-impatt ta' din il-bidla jiġi mnaqqas, se nagħtu żmien ta' erba' snin qabel ma jidħlu fis-seħħ ir-rati ġodda ta' liċenzji għal dawk il-vetturi kummerċjali kollha li jkunu diġà rreġistrati sal-aħħar ta' din is-sena. Din għandha tkun opportunità tajba li sidien ta' negozji jkollhom iċ-ċans li jġeddu l-inġenji tagħhom.

Mr. Speaker, ma' dan id-diskors, qed nippubblikaw il-proposta tagħna dwar dan il-qasam f'Appendiċi Ċ, li nitlob lill-Kamra tieħdu bħala moqrija.

## Riġenerazzjoni tal-portijiet

Mr. Speaker,

Komplejna għaddejjin bil-programm t'implimentazzjoni tal-viżjoni tagħna għall-Portijiet tal-Belt Valletta. Din is-sena ftaħna l-moll il-ġdid għall-*cruise liners* max-xatt tal-Isla. Barra minnhekk, il-Gvern beda jippubblika d-dettalji tal-programm għall-iżvilupp tal-Menqa, għat-tkabbir tal-ispazju għall-irmiġġ għall-jottijiet fil-Portijiet, u għat-tiswija u t-tisħiħ tal-mollijiet. Dan minbarra inizjattivi biex tittejjeb il-mobilità permezz tal-pont tal-*breakwater* u l-konnessjoni bil-lift mill-Port sal-Barrakka ta' Fuq. Magħhom irrid insemmi wkoll ir-restawr tal-Forti Sant'Iermu fejn il-*Grand Harbour Regeneration Corportion* tefgħet ħames applikazzjonijiet mal-MEPA għar-restawr tiegħu. Il-Gvern qed jalloka wkoll 1.5 miljun ewro biex isir tiswija t'emerġenza fuq il-Forti ta' Sant'Anġlu.

Biex il-portijiet tagħna jkunu jistgħu jaqdu l-funzjoni tagħhom, is-sena dieħla l-Gvern se jagħmel spiża ta' 10 miljun ewro fuq xogħol ta' *dredging* fil-portijiet prinċipali ta' pajjiżna.

## Bini u tisbiħ ta' postijiet pubbliċi

Mr. Speaker, id-dehra ġenerali ta' pajjiżna hija kontributur ewlieni għat-tisħiħ tal-kompetittività ta' pajjiżna.

Mr. Speaker,

F'dan il-baġit qed inħabbru allokazzjoni finanzjarja ta' 5.2 miljun ewro għal proġetti ta' tisbiħ f'diversi żoni madwar pajjiżna, fosthom il-proġetti ta' Pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta, il-*promenade* fil-bajja ta' San Ġorġ, il-Park Nazzjonali fis-Salini, u r-raba' estensjoni tal-Park Nazzjonali f'Ta' Qali.

Fil-ġimgħat li ġejjin, se nibdew ukoll nimplimentaw numru ta' proġetti b'investiment ta' madwar 80 miljun ewro, li jinkludu r-restawr tas-swar, it-tisbiħ u l-faċilitajiet mal-kosta f'Tas-Sliema u l-Qawra, *promenade* ġdida f'San Pawl il-Baħar, ġnien u *heritage trail* f'Pembroke, u *visitor attraction* fil-Qawra.

B'enfasi partikolari fuq il-manutenzjoni regolari ta' proġetti u infrastruttura qed jiġu allokati 1.3 miljun ewro li se jkunu amministrati mill-*Environment Upgrade Committee* li fih rappreżentanza inter-Ministerjali u ta' *stakeholders* oħrajn, u li hu mmexxi mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**Ninvestu fil-patrimonju kulturali tagħna**

Il-Gvern se jibqa' impenjat li jinvesti fil-patrimonju storiku u kulturali tagħna.

Għalhekk, għas-sena li ġejja, qed nallokaw 9.7 miljun ewro għal dawn il-proġetti, biex fost l-oħrajn, inkomplu r-restawr tal-Berġa ta' Kastilja, tal-Palazz tal-President, taż-żona magħrufa bħala l-*Collacchio* fil-Birgu, u dak tal-funtana ta' Wignacourt li hemm fit-telgħa tas-Saqqajja.

## Il-Belt Valletta

F'Ġunju li għadda ħabbarna il-proġetti għad-daħla tal-Belt Kapitali ta' pajjiżna: Bieb il-Belt, it-teatru u l-Parlament il-ġdid. Wasal iż-żmien li l-Parlament ta' Malta, bħal kull parlament ieħor fid-dinja jkollu dar li tixraq id-dinjità tal-libertajiet taċ-ċittadini kollha. Dan mhux bini għall-Membri Parlamentari. Il-Parlament hu l-espressjoni u l-monument li jirrikonoxxi li l-poplu Malti u Għawdxi bħala nazzjon sovran u demokratiku. Ma' dan kollu jintrabat ix-xogħol li jrid isir biex Il-Palazz jerġa' jsir il-punt ċentrali u l-ġawhra ewlenija tal-Belt Valletta.

Kif ħabbart aktar kmieni f'dan id-diskors, il-finanzjament ta' dan il-proġett se jiġi amministrati mill-Fond Nazzjonali għall-Investiment, liema fond se jinbena minn kirjiet kummerċjali u dħul ta' konċessjonijiet. Għal dan il-Fond, il-proġett se jitqies bħala investiment li se jinkera lill-iStat Malti mill-użu tal-proġett fuq numru ta' snin. Dan ifisser li l-finanzjament ta' dan il-proġett mhux se jkun ta' piż fuq it-taxxi tal-poplu Malti u Għawdxi.

Qed isiru wkoll diversi proġetti madwar il-Belt kollha, li jinkludu l-pavimentar fiż-żona pedonali ċentrali tal-Belt, l-iżvilupp ta' park storiku fl-ispazji taħt u madwar il-Barrakka mill-Fondazzjoni Wirt Artna, u l-iżvilupp ta' lift ġdid fil-Barrakka ta' Fuq.

## Investiment fis-settur tal-enerġija

Mr. Speaker,

Is-sena d-dieħla se nibdew l-espansjoni tal-*power station* ta' Delimara li se tuża teknoloġija kontemporanja biex fi ftit

snin tieħu post it-teknoloġija qadima u li tniġġeż li għandna fil-Marsa. Minflok nitilquh fl-arja miċ-ċmieni, se nabqdu l-materjal li jniġġeż qabel u nesportawh b'mod sikur għal depożiti liċenzjati ta' dan il-materjal barra minn pajjiżna.

Se jibda x-xogħol sabiex naqbdu mal-*grid* elettriku Ewropew, u li se jippermettilna nħalltu s-sorsi tal-enerġija li nużaw bejn dak li niġġeneraw lokalment u dak li nimpurtaw. B'hekk se nkunu nistgħu nsibu bilanċ aħjar bejn il-prezz u l-impatt ambjentali fl-enerġija li nixtru.

**Drenaġġ**

Mr. Speaker, fis-sena 2010, b'investiment ta' 30 miljun ewro, se nagħlqu ċ-ċiklu ta' investiment li bdejna ħames snin ilu f'dak li jirrigwarda d-drenaġġ. Sa sena oħra se nkunu qed nitrattaw id-drenaġġ kollu ġġenerat f'pajjiżna qabel jintefa' l-baħar.

Issa, il-pass li jmiss hu li naraw kif id-drenaġġ, issa li trattajnih, nibdluh f'riżorsa li nisfruttaw għall-ġid tagħna. Bħalissa qed nagħmlu testijiet biex naraw kif nistgħu nużaw l-ilma trattat, u nnaqqsu l-bżonn tal-estrazzjoni mill-pjan u tar-*reverse osmosis* li jiswielna ħafna flus f'elettriku.

**Investiment fit-teknologija tal-informatika**

Is-sena 2010 se tkun sena oħra li fiha l-Gvern se jkompli jinvesti sostanzjalment fis-sistemi tal-informatika biex ikompli jżid l-effiċjenza u kwalità tas-servizz fis-settur pubbliku. L-investiment f'sistemi u apparat ġdid se jlaħħaq is-60 miljun ewro. Fost il-proġetti l-aktar

importanti hemm is-sistema tal-pagi tal-Gvern, flimkien mal-*Attendance Verification System*, il-kontinwazzjoni tar-*roll out* tal-*Integrated Health Information System* fil-Mater Dei, u l-estensjoni fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, is-sistema tad-Dwana, s-sistema li tikkontrolla l-proprjetà tal-Gvern, is-sistema tal-identità elettronika u dik ta' l-*e-learning*, fost l-oħrajn. Barra minn dan, il-Gvern qed iħares lejn sistemi elettroniċi li għandhom jiġu mibdula u aġġornati, fosthom is-sistemi tas-Sigurtà Soċjali u dik tar-reġistru pubbliku.

**Privatizzazzjoni**

Il-Gvern jemmen li bil-privatizzazzjoni nistgħu nkomplu nkabbru l-attività ekonomika u nimmodernizzaw l-faċilitajiet u l-ażjendi nfushom b'investiment akbar. Dan jassigura operat u tmexxija sostenibbli tul it-terminu ta' konċessjoni, filwaqt li jimmassimizza l-introjtu mill-bejgħ u joħloq opportunitajiet ġodda tax-xogħol.

Wara li aktar kmieni din is-sena lliberalizzajna l-importazzjoni u d-distribuzzjoni tal-prodotti tal-enerġija, ġie wkoll fi tmiemu l-proċess tal-għotja għall-konċessjoni tal-ħażna u l-ibbottiljar tal-gass.

Tkompla wkoll il-proċess ta' privatizzazzjoni tal-*Malta Shipyards* fejn waslu sabiex jintgħażlu l-*preferred bidders*. L-evalwazzjoni tal-proposti għall-parti tas-*Super Yachts* miexja wkoll. In-negozjati dwar il-parti ta' Manoel Island qorbu lejn l-aħħar. Huwa maħsub li fil-ġimgħat li ġejjin, titressaq riżoluzzjoni fil-Parlament sabiex tapprova t-trasferiment ta' din il-faċilità.

F'Ġunju li għadda ħarġet sejħa biex twassal għall-konċessjoni tar-riabilitazzjoni u l-operat tal-*marinas* fl-Imsida, Ta' Xbiex u l-Imġarr. Fil-ġranet li ġejjin se jibdew in-negozjati mal-*preferred bidders* għall-*marinas* ta' Għawdex u ta' Ta' Xbiex.

**Is-settur tal-proprjetà**

Is-settur tal-proprjetà huwa importanti għall-kontribut tiegħu lill-ekonomija tagħna. Huwa settur li jista' jagħti kontribut akbar ukoll. Matul l-2009, dan is-settur naqqas fir-ritmu tiegħu minħabba l-impatt tal-kriżi internazzjonali.

F'Novembru tal-2005 konna għamilna bidla importanti fit-tassazzjoni ta' trasferimenti tal-proprjetà meta daħħalna t-taxxa finali ta' 12 fil-mija fuq il-valur tas-suq tal-istess proprjetà. Ma' dik il-bidla, konna ħallejna l-possibbiltà li wieħed jagħżel li jiġi ntaxxat bis-sistema ta' qabel, jiġifieri bir-rati normali fuq il-qliegħ, kemm-il darba l-proprjetà tiġi trasferita fi żmien ħames snin minn meta din tkun ġiet akkwistata.

Wara li saru diversi proposti lill-Gvern, u wara li studjajna s-sitwazzjoni preżenti ta' dan is-suq, għas-sena 2010 u 2011 se nwessgħu l-perjodu għall-għażla minn ħames snin għal seba' snin, biex b'hekk, is-suq tal-proprjetà f'Malta jkompli jieħu dik l-imbuttatura 'l quddiem li għandu bżonn.

**Użu ta' binjiet fil-qalba tal-lokalitajiet**

Il-Gvern qiegħed jagħti direzzjoni lill-MEPA sabiex tinvestiga u tipproponi modi kif binjiet adattati fil-qalba

tal-lokalitajiet tagħna jistgħu jintużaw għall-alloġġjar tat-turisti u/jew bħala uffiċini. Il-proposti tal-MEPA għandhom jgħaddu għand il-Gvern sa mhux aktar tard mill-aħħar t'April 2010. Għal dan il-għan, ukoll, il-Gvern se jwaqqaf Grupp ta' Ħidma bejn l-awtoritajiet kollha kompetenti sabiex b'mod ikkordinat iħejju qafas regolatorju u inċentivi oħra, inklużi proposti ta' inċentivi fiskali, sabiex il-mira tal-Gvern li jkabbar u jifrex l-attività ekonomika fil-lokalitajiet tagħna tkompli titwettaq.

Biex ninkoraġġixxu r-restawr ta' bini storiku jew ta' patrimonju skedat *Grade 1* se tingħata rifużjoni ta' 15.2 fil-mija fuq in-nefqa li tkun saret.

**Użu ta' fondi mill-*Commuted Parking Payment Scheme***

Il-Gvern qiegħed ukoll jagħti direzzjoni lill-MEPA sabiex, b'mod immedjat, jintuża l-Fond tal-*Commuted Parking Payment Scheme* għall-provvista ta' faċilitajiet ta' parkeġġ għall-vetturi f'diversi postijiet tal-pajjiż. L-iskema tal-MEPA għandha titħabbar sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu tal-2010. Fit-twettieq ta' din il-miżura, il-MEPA għandha tagħti prioritá lill-lokalitajiet fejn il-parkeġġ huwa l-aktar diffikultuż, u liż-żoni kummerċjali tal-pajjiż.

## Nimplimentaw il-viżjoni tagħna għal Għawdex bħala gżira ekoloġika

Mr. Speaker, it-twettieq tal-proġett ta' eko-Għawdex, huwa mira ewlenija tal-Gvern.

Eko-Għawdex hija viżjoni msejsa fuq il-potenzjal ta' din il-gżira u l-kapaċitajiet tan-nies tagħha. Irridu naraw titjib fl-ambjent li jkun sostnut. Irridu naraw li f'Għawdex l-ekonomija tikber u tistagħna, b'titjib li jħalli effett fit-tul. Irridu naraw soċjetà magħquda u nklussiva li tgħix f'bilanċ mal-ambjent ta' madwarha.

Din is-sena, għaddejna minn proċess ta' konsultazzjoni estensiv biex nassiguraw li l-Gvern qiegħed jaħdem fuq pjan li jilħaq l-aspirazzjonijiet ta' kulħadd. Din il-viżjoni ġiet tradotta f'lista ta' rakkomandazzjonijiet li jkopru l-ekonomija, l-aspett soċjali, l-ambjent, il-kultura u l-identità. Issa jmiss li nibdew inwettqu dak li wegħedna.

Mr Speaker, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dokument bl-isem '*Eco-Gozo – a better Gozo. Proposed action 2010-2012*' li jelenka 80 azzjoni li l-Gvern qed jipproponi li jimplimenta fit-tliet snin li ġejjin. Huma inizjattivi li jkomplu jibnu fuq dak li diġà rnexxielna nwettqu f'Għawdex.

Mr. Speaker,

Il-Gvern hu riżolut li jitwettaq il-proġett eko-Għawdex. Għal dan il-għan, illejla qed nikkommettu 25 miljun ewro fuq tliet snin sas-sena 2012, b'allokazzjoni ta' 5 miljun

ewro għall-2010 biex dan il-proċess jinbeda matul is-sena d-dieħla.

Il-baġit għall-2010 jipproponi wkoll numru ta' investimenti u inizjattivi oħra, fosthom:

- it-twaqqif tal-infrastruttura fiżika kollha meħtieġa għat-trattament tal-iskart solidu bil-bini ta' *Waste Transfer Station* biex jiġi riċiklat l-iskart;
- it-tkomplija tal-*master plan* taċ-Ċittadella;
- nagħmlu qabża fid-dehra t'Għawdex permezz ta' rijabilitazzjoni ta' widien u mmaniġġjar tal-ambjent;
- it-trasformazzjoni tal-medda magħrufa bħala ż-Żwieqa fl-Imġarr bħala promenade max-xatt tal-baħar, b'investiment ta' 1.3 miljun ewro;
- ir-riabilitazzjoni tal-Ġonna ta' Villa Rundle fiċ-ċentru tar-Rabat, b'investiment ta' 1.3 miljun ewro; u
- it-tkomplija ta' faċilitajiet ġodda li jtejbu s-servizzi tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex, fosthom it-twaqqif ta' *Radiology Unit*, xogħol ta' *refurbishment* fl-istess sptar, xiri ta' apparat, u ta' żewġ ambulanzi ġodda, b'investiment ta' 3.3 miljun ewro.

## Inkomplu nsaħħu l-edukazzjoni u t-taħriġ biex ikollna soċjetà u ekonomija mibnija fuq l-għerf

Mr. Speaker,

Aħna nemmnu li biex f'pajjiżna jkompli jitkattar x-xogħol, jeħtieġ li nkomplu ninvestu fil-poplu tagħna. L-edukazzjoni u t-taħriġ huma ċ-ċavetta sabiex pajjiżna jkompli javvanza u għalhekk dawn huma ta' prijorità għal dan il-Gvern.

In-nefqa fl-edukazzjoni għas-sena d-dieħla se tkun ta' 270 miljun ewro, 16-il miljun, jew aħjar 6 fil-mija, aktar minn din is-sena.

### L-edukazzjoni primarja u sekondarja

Mr. Speaker, wara li fil-baġit tas-sena li għaddiet, allokajna 4.4 miljun ewro biex jitkompla l-ingaġġ ta' aktar professjonisti fil-qasam edukattiv, f'dan il-baġit qed nallokaw żieda oħra ta' 3.1 miljun ewro sabiex intejbu s-servizzi tagħna għall-istudenti. Bħalissa, qed nirrifurmaw numru ta' oqsma edukattivi, fosthom il-kurrikulu nazzjonali, it-tranżizzjoni mill-primarja għas-sekondarja, l-i*school leaving certificate*, il-politika dwar il-ħiliet bażiċi, l-istrateġija dwar ix-xjenza, u s-setturi tal-*kindergarten* u tal-iskejjel speċjali, bil-għan li nassiguraw l-aqwa livelli ta' edukazzjoni għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna.

Matul din is-sena, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada investiet 13-il miljun ewro fil-bini ta' skejjel ġodda u

manutenzjoni fuq diversi skejjel. Illum dawn huma organizzati f'sistema ta' Kulleġġi f'qafas ta' edukazzjoni inklussiva.

Inbnew l-iskejjel ta' Ħal Kirkop, il-Ħandaq, Bormla, u Pembroke, b'din ta' l-aħħar mgħammra b'apparat għal użu effiċjenti tal-enerġija. Bħalissa qed jinbnew l-iskejjel tas-sekondarja għas-subien ġodda fil-Mosta u f'Għawdex, b'investiment ta' 7 miljun ewro għal kull skola. Saru wkoll xogħlijiet ta' tisbiħ f'aktar minn 60 skola tal-Gvern, li fihom qed tinbena infrastruttura ġdida ta' l-IT, u qegħdin jitjiebu l-faċilitajiet sportivi fihom.

Fil-konsultazzjoni nazzjonali tal-mixja tat-tfal tagħna mill-primarja għas-sekondarja kellna diskussjonijiet mal-iskejjel tal-Knisja dwar kif se jwettqu il-prinċipji ta' din ir-riforma. Sabiex nassiguraw li l-istudenti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn proċess ta' kontinwazzjoni mill-iskola primarja għas-sekondarja jeħtieġ li xi skejjel tal-Knisja jestendu l-livell primarju jew sekondarju. Għalhekk, il-Gvern se jżid l-għotja finanzjarja għal dawn il-klassijiet il-ġodda skont il-ftehim bejn il-Knisja u l-Istat dwar l-iskejjel tal-Knisja, kif ukoll, se jagħti rifużjoni ta' 15.2 fil-mija tal-ispejjeż li jikkwalifikaw u marbuta mal-bini l-ġdid li se jkun hemm bżonn li jagħmlu dawn l-iskejjel tal-Knisja biex iwettqu ir-riforma tal-mixja mill-primarja għas-sekondarja.

**L-istrateġija ta' *e-learning***

Iżda, Mr. Speaker, il-bini ta' skejjel ġodda waħdu mhux biżżejjed. Bħalma ħabbarna fil-baġit tas-sena li għaddiet, se ninvestu 16-il miljun ewro fuq numru ta' snin f'sistema

ta' *networking* bejn l-iskejjel. Dan se jippermetti li jkollna skejjel animati bl-aħjar teknoloġija tal-informatika, tal-komunikazzjoni u tal-kompjuters. Dan minbarra li diġà biddilna l-kompjuters kollha fl-iskejjel tal-Gvern, saħħaħna s-sistema tal-internet, u pprovdejna *laptop* għal kull għalliem fl-iskejjel primarji u sekondarji. Dan minbarra wkoll li nvestejna f'tagħmir speċjalizzat għall-iskejjel tat-tfal bi bżonnijiet speċjali u għall-*Assessment Unit* fl-*inclusive network*. U issa qed nagħmlu proġett pilota f'xi *kindergartens* bil-mira li jkun hemm mill-anqas kompjuter wieħed f'kull klassi.

## Inkomplu ninvestu fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla

Mr. Speaker, se nkomplu ninvestu fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla biex liż-żgħażagħ tagħna nipprovdulhom l-aqwa faċilitajiet u servizz biex ikomplu jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom. Irridu li jkollna l-aqwa kwalità fl-istitutuzzjonijiet u l-programmi kollha. Se nkomplu niżviluppaw, ukoll, il-Qafas tal-Kwalifiki u r-rikonoxximent tal-kwalifiki.

### L-Università ta' Malta, il-*Junior College*, l-ITS u l-MCAST

Għalhekk, il-Gvern qiegħed jinvesti 11-il miljun ewro aktar mill-baġit tas-sena l-oħra fl-istituzzjonijiet ogħla u avvanzati. L-Università ta' Malta, il-*Junior College*, l-Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-MCAST se nżidulhom l-allokazzjoni tagħhom sabiex ikomplu jilħqu kwalità ogħla fl-edukazzjoni, parteċipazzjoni aħjar tal-istudenti, u għar-riċerka.

Is-sena l-oħra ġie ffirmat il-ftehim kollettiv għall-istaff tal-MCAST u dak akkademiku tal-Università u tal-*Junior College*, u dan ifisser żidiet fil-pagi, opportunità ta' aktar riċerka għall-akkademiċi, żvilupp fil-karriera, u introduzzjoni ta' bosta miżuri ġodda għal dawn il-ħaddiema.

L-Università rnexxielha tikseb 46.9 miljun ewro fi proġetti. Fost numru kbir ta' proġetti oħra, b'dawn il-fondi, l-Università se jkollha Fakulta ġdida tal-ICT, Dipartiment ġdid tal-Informatika u aktar riċerka u taħriġ biex tissaħħaħ il-librerija tal-Università, biex b'hekk tkun attrezzata b'riżorsi ta' kwalità għar-riċerka u l-istudju.

In-numru tal-istudenti fl-MCAST qed ikompli jiżdied b'pass imgħaġġel, sforz l-introduzzjoni ta' numru ta' korsijiet ġodda. Tkompliet ukoll il-ħidma fil-*Campus* il-ġdid u qed isir investiment f'laboratorji u *workshops* ġodda biex jogħla aktar il-livell ta' tagħlim u taħriġ tal-istudenti.

***Lifelong learning***

Mr. Speaker, huwa fatt magħruf li d-demografija ta' pajjiżna qed tinbidel, hekk kif qed jiġri fil-kumplament tad-dinja. Għalhekk, il-Gvern beda jimplimenta numru ta' inizjattivi biex jindirizza u jsaħħaħ il-kunċett ta' *Life Long Learning* – kunċett li jippermetti lill-adulti jkomplu jsegwu t-tagħlim tagħhom fi strutturi edukattivi. Il-ħidma li għaddejja f'dan il-qasam hija deskritta f'Appendiċi D, li nitlob lill-Kamra sabiex tieħu bħala moqrija.

## Żgħażagħ

Fil-qasam taż-żgħażagħ qed isir ħafna xogħol għax nemmnu li dawn għandhom rwol essenzjali u determinanti fil-politika ta' pajjiżna. B'mod partikolari, qed naġġornaw il-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ, liema politika se tiġi pubblikata fil-ġimgħat li ġejjin.

Rajna l-bżonn li ngħaddu informazzjoni liż-żgħażagħ u lill-għaqdiet tagħhom dwar il-benefiċċji li jġibu magħhom programmi tal-Unjoni Ewropea, bir-riżultat li aktar żgħażagħ qed jipparteċipaw f'dawn il-programmi.

Saħħaħna wkoll il-programm tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ bil-għan li joffri qafas ta' djalogu strutturat lil dawk iż-żgħażagħ bejn l-14 u t-18-il sena biex jiddiskutu, jippjanaw u jimplimentaw dawk il-proġetti li jkunu meħtieġa fil-lokalità tagħhom.

Mr. Speaker, fil-ġimgħat li ġejjin se nniedu Aġenzija taż-Żgħażagħ biex tieħu l-politika nazzjonali bħala l-boxla, u taħdem ħalli jintlaħqu l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ tagħna. Se nirristrutturaw ukoll il-*Youth Empowerment Programme* biex joffri lok ta' espressjoni u opportunità ta' tagħlim għaż-żgħażagħ, filwaqt li se nniedu iċ-ċentru ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ.

## Sport

Mr. Speaker, aħna nemmnu fil-benefiċċji ta' l-isport u l-eżerċizzju fiżiku, u għalhekk sostnejna l-impenn tagħna biex ninstigaw kultura sportiva fost il-poplu tagħna. Fassalna programm biex nibdew nindirizzaw in-nuqqas ta' ħin allokat għall-isport u l-eżerċizzju fiżiku fl-iskejjel,

bir-riżultat li aktar minn 9,000 student u studenta pparteċipaw fl-attivitajiet organizzati. Saru wkoll madwar 80 attività sportiva f'diversi lokalitajiet għall-komunità li fihom ipparteċipaw aktar minn 4,500 persuna, minn tfal sa anzjani.

Il-Gvern se jkompli jaħdem biex isostni dan kollu, u għalhekk se nżidu l-faċilitajiet sportivi, filwaqt li ntejbu dawk eżistenti, bħall-*fitness centre* fil-kumpless sportiv f'Tal-Qroqq, u l-pixxina nazzjonali. Fil-ġimgħat li ġejjin se ninawguraw il-kumpless sportiv ta' Ħal-Kirkop. Se jkun imiss imbagħad li nibnu kumpless ġdid fil-Qawra, bi sħubija mal-privat, filwaqt li nimplimentaw pjan għal dak tal-Marsa.

Mr. Speaker, din is-sena nidejna wkoll it-*20/20 Sports Training Scheme*, li permezz tagħha atleti li jaħdmu mal-Gvern ngħataw sa massimu ta' 20 siegħa *leave* bi ħlas fil-ġimgħa biex jitħarrġu fid-dixxiplina tagħhom, bl-ewwel riżultati pożittivi jaslu permezz ta' rebħ ta' midalji fil-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar.

Biex inkomplu nindirizzaw il-qasam sportiv f'pajjiżna, għas-sena d-dieħla:

- se nsaħħu l-ġlieda tagħna kontra l-użu ta' sustanzi projbiti fl-isport kemm b'regolamenti kif ukoll b'assistenza biex isiru t-testijiet meħtieġa;
- se ngħaddu aktar artijiet lill-għaqdiet biex jiżviluppaw il-faċilitajiet tagħhom; u

- se nsaħħu l-iskema ta' turiżmu sportiv biex ninċentivaw aktar l-attivitajiet sportivi internazzjonali li jinżammu f'Malta u f'Għawdex.

## L-ekonomija tal-kreattività

Mr. Speaker, il-kreattività hija l-mutur tal-ekonomija globali. Dawk il-pajjiżi li kapaċi jiżviluppaw u jsostnu ambjent fejn it-talent kreattiv tal-poplu joħroġ u jikber huma l-aktar kapaċi li jsostnu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom. L-oqsma kreattivi tal-ekonomija, li jinkludu l-ICT, il-*films*, l-arti u d-disinn, kif ukoll oqsma bħall-*performing arts* u oħrajn, joħolqu ħafna xogħol ta' valur miżjud għoli, isostnu setturi oħra fl-ekonomija, bħat-turiżmu, il-manifattura u l-oqsma finanzjarji, u fl-istess ħin joħolqu ambjent vibranti u innovattiv f'dawk il-kuntesti fejn dawn l-oqsma jiżviluppaw. B'hekk, anke l-kwalità tal-ħajja tal-poplu titjieb. Għalhekk, se nkomplu ninċentivaw lil dan is-settur b'konsistenza mal-Viżjoni 2015 sabiex nagħmlu minn pajjiżna post ta' eċċellenza f'diversi oqsma, inkluz dak tal-kreattività. F'dan il-kuntest, qed nipproponu dawn l-inizjattivi:

1. Se noħolqu grupp ta' ħidma biex ifassal qafas organizzattiv regolatorju u fiskali għall-promozzjoni tal-ekonomija tal-kreattività;

2. Se ndaħħlu numru ta' inċentivi fiskali għal dan is-settur, fosthom:

    - benefiċċju fiskali għal spejjeż kwalifikanti biex kittieba Maltin li jkunu eliġibbli isibuha aktar faċli li jippubblikaw ix-xogħlijiet letterarji tagħhom;

- *tax credit* biex ikopri spejjeż kwalifikanti li jsiru għal *computer animation*, effetti speċjali, *films* u programmi għat-televiżjoni, kif ukoll servizzi ta' produzzjoni; u
- benefiċċju fiskali għal spejjeż kwalifikanti mħallsa biex jinħolqu prodotti ta' *interactive digital media* u spejjeż kwalifikanti minfuqa minn *sound recording houses*, inklużi spejjeż konnessi biex jinġiebu xogħlijiet ġewwa pajjiżna.

3. Se titwessa' l-eliġibiltà għall-inċentiv fiskali għal dawk l-individwi kollha li jagħmlu l-istudji tagħhom f'istituzzjoni edukattiva terzjarja rikonoxxuta, kemm jekk tkun lokali jew barra minn Malta. Biex dawn jibbenefikaw ma jridux ikunu qed jirċievu xi forma ta' għajnuna oħra għall-istudji tagħhom minn xi dipartiment jew entità oħra governattiva jew mill-privat;
4. Se jitnieda Premju għall-Kreattività u l-Innovazzjoni, b'fond ta' 100,000 ewro li għandu jinċentiva aktar investiment fil-kreattività u l-innovazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-arti, it-teknoloġija u l-manifattura. Dan se jinkludi, wkoll, rikonoxximent għal *Young Creative Entreprenuer*;
5. Il-*Malta Film Commission* se tistabilixxi l-korsijiet ta' taħriġ meħtieġa għall-produzzjoni tal-*films* bil-għan li ninċentivaw it-talenti li għandna u li nibnu l-kapaċitajiet li hemm bżonn biex insaħħu din l-industrija f'pajjiżna;

6. Il-*Malta Film Commission* ġiet ikkummissjonata biex tibda il-proċess ta' żvilupp ta' *sound stage* biex b'hekk insaħħu l-infrastruttura ta' pajjiżna għall-produzzjoni tal-*films;*

7. Se jiġi mistħarreġ il-potenzjal għall-produzzjoni tal-*film* Malti u l-qafas organizzattiv u ta' sostenn li hemm bżonn sabiex dan jitkabbar; u

8. Se titnaqqas it-tariffa għall-liċenzji sabiex jinżamm apparat għall-komunikazzjoni bis-satellita għal skopijiet industrijali, biex dan is-settur ma jiġix imxekkel.

Mr. Speaker, wara s-suċċess tal-boroż ta' studju finanzjati mill-Gvern u minn Fondi Ewropej, matul is-sena d-dieħla se nkomplu nsaħħu l-aspett edukattiv fil-qasam kulturali għal dawk kollha li jixtiequ jiżviluppaw it-talenti artistiċi tagħhom. Għaldaqstant, qegħdin nintroduċu il-programm Borża ta' Studju fl-Arti. Dawn il-boroż ta' studju se jkunu ddedikati għall-arti viżiva li tinkludi studji fil-pittura, skultura, *media,* u disinn, fost l-oħrajn, kif ukoll għall-*performing arts* bħal mużika, żfin u drama. Permezz ta' din l-iskema, l-istudenti li jixtiequ jispeċjalizzaw fl-arti se jkollhom iċ-ċans li japplikaw għal *scholarships* fi programmi li huma rikonoxxuti f'pajjiżna kif ukoll barra minn Malta. Din l-inizjattiva, li għaliha se ninvestu 200,000 ewro fis-sena, se tagħti l-opportunità' lil kull individwu biex ikompli jiżviluppa u jikkultiva t-talenti tiegħu.

## Investiment fl-oqsma kulturali

F'dak li huwa l-qasam kulturali, ħadna diversi inizjattivi fl-aħħar snin għax nemmnu li din għandha tkun apprezata aktar ġewwa pajjiżna. Għalhekk, Mr. Speaker, f'dan il-baġit se nkomplu nsostnu l-kultura u se nżidu l-allokazzjoni lid-diversi Entijiet kulturali b'aktar minn 800,000 ewro bil-għan li ntejbu s-sostenibbiltà tagħhom. Se nżidu l-allokazzjoni lill-Orkestra Nazzjonali, lit-Teatru Manoel, liċ-Ċentru għall-Kreattività, u fil-Fond tal-Arti. Barra minnhekk, qed nallokaw 100,000 ewro għax-xiri ta' kotba ġodda għal-librerija pubblika. Dan minbarra li se nwaqqfu Fond għax-Xiri ta' Xogħlijiet ta' Arti Kontemporanja mingħand artisti Maltin biex, minbarra li nkunu wettaqna wegħda elettorali oħra, inkomplu nuru aktar rikonoxximent għall-artisti tagħna.

## Ninvestu aktar f'saħħitna u nkomplu nagħtu appoġġ lil min fis-soċjetà tassew jeħtieġ

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern huwa mpenjat li, minkejja d-diffikultajiet finanzjarji kollha, jibqa' jżomm u jiżviluppa sistema ta' sigurtà soċjali li twieżen lil min l-iktar fil-bżonn biex ikollna soċjetà ġusta. Dan filwaqt li nżidu l-ġlieda qawwija kontra l-ħela u l-qerq. Tajjeb wieħed japprezza, Mr. Speaker, li dan il-qasam, f'terminu ta' spiża rikurrenti biss, qed jiġi allokat is-somma ta' aktar min 1.19 biljun ewro, żieda ta' 8.5 fil-mija fuq l-2009, u 48 fil-mija tan-nefqa kollha rikorrenti tal-Gvern. L-ispiża prinċipali hi fil-pensjonijiet u servizzi soċjali li, minn 749 miljun ewro se titla' bi 62 miljun ewro, żieda ta' 8 fil-mija, għal 811 miljun.

## Inkomplu ngħinu lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn

### Investiment fil-familja

Mr. Speaker,

Il-familja hija l-perm tas-soċjetà, u għaldaqstant nemmnu li għandna nagħmlu dak kollu possibbli biex insostnu u nsaħħu l-familji tagħna. Għal dan il-għan, se nesiġu li l-perspettiva tal-familja, kif ukoll l-impatt ekonomiku u soċjali fuq il-familja, jiddaħħlu bħala parti integrali mill-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-

Gvern. Dan il-proċess se jitmexxa mit-Taqsima għall-Politika Integrata li qed titwaqqaf fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru bħala parti mir-riforma tal-MEPA.

**Investiment fil-ħarsien tat-tfal**

Pajjiżna bħalissa għandu madwar 400 tifel u tifla li qed jitrabbew barra in-nieqa tal-familja naturali tagħhom, u li jinsabu fi djar residenzjali jew ma' *foster families*. Mis-sena d-dieħla, iċ-*Child in Care Benefit* se jiżdied minn €40 fil-ġimgħa għal €70 fil-ġimgħa, u l-età ta' l-għajnuna se tiżdied sa 21 sena fil-każ ta' dawk iż-żgħażagħ li jkunu għadhom qed jistudjaw jew fi programm ta' taħriġ approvati mill-ETC.

**Ngħinu lil dawk l-ommijiet li jrabbu tfal waħedhom**

Mr. Speaker, pajjiżna juri s-solidarjetà ma' min għandu bżonnha l-ħin kollu. Hekk nemmnu li għandu jsir, u hekk se nibqgħu nagħmlu. Se nibqgħu ngħinu lill-familji tagħna u lil dawk il-ġenituri li qegħdin irabbu lil uliedhom weħidhom, b'kull mezz. Iżda nemmnu li għandna ngħinuhom, ukoll, sabiex iżommu ruħhom attivi fid-dinja tat-taħriġ u tax-xogħol, sabiex huma wkoll ikunu aktar integrati fis-soċjetà, filwaqt li jkunu f'qagħda tajba li jtejbu l-livell tal-għixien tagħhom lil hinn mid-dipendenza. Għal dan il-għan, bil-għajnuna tal-ETC u ta' Entijiet oħra, se naraw li dawn il-persuni jkunu qegħdin jieħdu t-taħriġ kollu u l-għajnuna kollha li hemm bżonn biex huma wkoll jintegraw ruħhom fid-dinja tax-xogħol kemm jista' jkun malajr. Għal dan il-għan, waħda mill-iskemi tal-ETC se toffri wkoll għajnuna fl-ispejjeż taċ-*childcare* għal dawk li jidħlu għal dan it-taħriġ.

**Nirrikonoxxu manteniment stabbilit minn qrati barranin**

Permezz ta' dan il-baġit il-Gvern jixtieq ukoll jirrimedja sitwazzjoni kemmxejn anomala fil-liġi tal-*income tax,* meta niġu biex neżentaw persuna li tirċievi manteniment għat-tfal mill-konjugi l-ieħor. Sal-lum persuna li tħallas manteniment lill-konjugi l-ieħor, mhux rigward it-tfal, tingħata tnaqqis mid-dħul tat-taxxa fejn l-ħlas ikun stabbilit mill-Qorti Maltija. Mis-sena d-dieħla, l-eżenzjoni u t-tnaqqis se jingħataw ukoll meta l-manteniment jiġi stabbilit minn Qrati barranin, bil-kundizzjoni li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**Persuni b'diżabilità**

Fir-rigward tal-persuni b'diżabilità, il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità ħejjiet *policy* nazzjonali dwar l-impjieg u l-persuni b'diżabilità li se tkun finalizzata kmieni s-sena d-dieħla. Il-KNPD qegħda wkoll tibni ċ-Ċentru għall-Ħajja Indipendenti f'Ħal Far, u se toffri servizzi biex dawn il-persuni jidentifikaw l-apparat li għandhom bżonn biex jgħixu ħajja indipendenti. Irrid nenfasizza wkoll, Mr. Speaker, li dan il-baġit qed jiddedika numru ta' riżorsi biex nagħtu appoġġ lil dan is-settur tant għal qalbna. Fost l-oħrajn, żidna l-vot tal-Aġenzija Sapport b'nofs miljun ewro. Barra minn dan, l-ETC se tniedi numru ta' skemi ġodda biex tgħin persuni ta' 'l fuq minn 16-il sena jintegraw fid-dinja tax-xogħol, inkluż il-*coaching scheme* li hi mmirata lejn persuna b'diżabilità sostanzjali jew anke severa u li għandhom bżonn assistenza personali biex jintegraw fuq il-post tax-xogħol.

## Akkomodazzjoni soċjali

Fil-qasam ta' l-akkomodazzjoni soċjali, mal-264 *first time buyers* applikaw għall-iskema tal-Awtorità tad-Djar sabiex jirranġaw id-dar tagħhom din is-sena. Sal-aħħar ta' Settembru ntefqu 2.5 miljun ewro fuq għajnuna taħt l-iskemi li toffri.

L-Awtorità bniet 52 appartament f'lokalitajiet differenti, filwaqt li għaddej xogħol fuq 167 appartament ieħor. Huwa ppjanat li jinbnew mat-80 appartament u 12-il *maisonette* ieħor u 200 appartament ieħor immirati għall-kiri.

L-Awtorità tad-Djar qed tagħmel ukoll xogħol ta' riġenerazzjoni urbana, bl-ewwel fażi tal-proġetti fl-Imsida u Bormla jitlestew is-sena d-dieħla. Tnediet ukoll skema oħra mmirata sabiex tassisti lill-familji bit-tfal, persuni b'diżabilità u, anzjani fost l-oħrajn. L-ispiża għas-sena li ġejja mistennija li tilħaq is-6.7 miljun ewro.

## Miżuri sabiex jitnaqqsu l-abbużi

Bħalma elenkajt aktar qabel, huwa dover tal-Gvern li, filwaqt li nassiguraw li min għandu bżonn l-appoġġ tagħna, nagħtuhulu, fl-istess ħin għandna nkomplu nħarrxu l-ġlieda kontra min jabbuża mill-benefiċċji soċjali. Għaldaqstant, bil-għan li l-funzjonijiet kollha ta' investigazzjoni jissaħħu, matul is-sena li ġejja d-diversi taqsimiet ta' spettorat fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali se jiġu integrati bil-għan li jkollna struttura aktar effettiva kontra min qiegħed jabbuża.

### Mekkaniżmu ta' *single means testing*

F'dan il-kuntest, il-Gvern qed jimpenja ruħu li jirrevedi l-proċess biex persuni jikkwalifikaw għal servizzi u benefiċċji soċjali biex dan ikun aktar sempliċi u trasparenti, filwaqt li jiżgura li dawn ma jiġux abbużati. Għalhekk, fis-sena li ġejja, se ssir riforma sħiħa fis-*single means testing* biex din tkun aktar sempliċi u tinftiehem minn kulħadd, filwaqt li se titwaqqaf entità waħda li tkun qed tħaddem dan il-mekkaniżmu.

## Is-settur tas-saħħa

Mr. Speaker, settur ieħor fundamentali u li dan il-Gvern dejjem tah l-ogħla prijorita huwa dak ta' saħħitna. Il-Gvern huwa kommess li jpoġġi lil Malta bħala ċentru reġjonali ta' eċċellenża fis-settur mediku sal-2015 billi jtejjeb il-faċilitajiet ta' kwalita preventiva kif ukoll ta' kura innifisha meta meħtieġa. Iżda, biex nagħmlu dan, l-ewwel irridu nnaqqsu l-mard kroniku u d-*delay disease*, kull meta dan huwa possibli.

F'dan iż-żmien ta' riċessjoni globali, meta hemm bżonn ta' soluzzjonijiet innovattivi, l-oġġettivi strateġiċi tal-Gvern huma li jżid l-aċċess, jippromwovi l-kwalità, u li joffri servizz sostenibbli.

### Nefqa biex nindirizzaw il-*waiting lists*

Mr. Speaker, nemmnu li huwa d-dover tagħna li nibqgħu impenjati sabiex nilħqu l-aspettattivi tal-popolazzjoni fis-settur tas-saħħa, kemm dawk attwali u tal-futur. Dawn l-aspettattivi qegħdin dejjem jiżdiedu minħabba popolazzjoni aktar anzjana, u qed iwasslu għal żieda fil-

pressjoni fuq il-*waiting lists*. Għalhekk, il-Gvern huwa kommess li jagħti priorità assoluta għat-tnaqqis tal-*waiting lists* għal livelli aċċettabbli fi tliet snin. Diġà bdejna naħdmu sabiex dan l-għan jintlaħaq. Issa qegħdin nivvutaw 4 miljun ewro addizzjonali biex nindirizzaw il-waiting lists.

**Mediċini**

Fil-qasam tal-mediċini, qed nippreparaw l-mekkaniżmi neċessarji biex deċiżjonijiet għall-introduzzjoni ta' mediċini u teknoloġiji ġodda jkunu bbażati fuq evidenza u effiċjenza relattiva. Introduċejna servizz ta' *PET scanner*, filwaqt li teknoloġiji innovattivi oħra u *cardiac imaging* qed ikunu evalwati u kkunsidrati. Għas-sena d-dieħla, se nallokaw 3 miljun ewro addizzjonali biex nintroduċu mediċini ġodda fil-formolarju tal-Gvern. Matul din is-sena, il-Gvern ivvota 11-il miljun ewro oħra sabiex jitnaqqsu l-kredituri f'dan il-qasam. Issa qegħdin nallokaw 61 miljun ewro għas-sena 2010 sabiex nassiguraw li l-*credit days* jinżlu għal 120 ġurnata.

Mr. Speaker, is-sistema tal-ispiżerija tal-għażla tiegħek fis-sena li ġejja se tinfirex aktar sabiex tilħaq 50,000 pazjent ġdid bi spiża addizzjonali ta' kważi miljun ewro. Tejjibna wkoll is-servizz għat-trasfużjoni tad-demm. Issa qed nippjanaw li nikkonsolidaw dan is-servizz essenzjali billi nibnu *Blood Transfusion Centre* ġdid b'investiment ġdid ta' 1.5 miljun ewro fl-2010.

**Il-kura primarja**

Fil-kura tal-pazjenti, il-Gvern diġà ħabbar li r-riforma fil-kura primarja se tkun waħda mill-iżjed sfidi importanti

għas-sena li ġejja. Se nniedu dokument għall-konsultazzjoni pubblika ftit tal-ġranet oħra bil-għan li nipprovdu spazju għal dibattitu nazzjonali.

**Kura għall-marda tal-kanċer**

Mr. Speaker, il-marda tal-kanċer titfa ċertu piż fuq ir-riżorsi tagħna. Għalhekk, qed infasslu strateġija nazzjonali għall-kura tal-kanċer b'*targets* ambizzjużi li rridu nilħqu fil-ħames snin li ġejjin, fosthom il-bini ta' ċentru tal-kanċer ġewwa l-isptar Mater Dei. Qed nirranġaw l-isptar Boffa sabiex niżguraw li l-pazjenti jingħataw trattament f'ambjent komdu u ta' livell. Ftaħna wkoll ċentru tal-*breast screening* biex jiġi trattat il-kanċer tas-sider fin-nisa qabel ma jkun tard wisq.

Dan kollu li semmejt, Mr. Speaker, ma jistax jintlaħaq mingħajr il-preżenza ta' ħaddiema mħarrġa fuq xogħolhom u b'esperjenza vasta fis-suġġett tagħhom. Għalhekk, sabiex inkomplu bit-taħriġ tal-ħaddiema tagħna, qegħdin nallokaw 1.6 miljuni ewro għal diversi skemi ta' taħriġ għall-impjegati kollha.

**Saħħa Mentali**

Aħna nemmnu bis-sħiħ ukoll li persuni li għandhom problema ta' saħħa mentali għandhom jiġu ntegrati aktar fil-komunità u, għalhekk ikkreajna l-*Learning Disability Training Unit*, intenzjonat biex jilqa' fih lil dawn il-persuni u li se jibdew jingħataw taħriġ u għajnuna biex iħejju ruħhom għall-ħajja lura fil-komunità.

Mr. Speaker, sal-lum, każijiet ta' suwiċidju jew attentati ta' suwiċidju kienu jiġu trattati mill-pulizija. Il-Gvern

jemmen li għandu joħloq *Crisis Intervention Service* biex dawn il-persuni jkunu trattati minn professjonisti mħarrġa apposta.

### Manutenzjoni fl-isptar Karen Grech

Qiegħed isir tibdil infrastrutturali fl-Isptar Karen Grech sakemm jinbena ċentru ta' riabilitazzjoni bil-faċilitajiet kollha meħtieġa għall-persuni li jkunu qed jirkupraw minn mard jew trattament serju. Is-servizzi ta' l-isptar Żammit Clapp se jiġu trasferiti għall-isptar Karen Grech biex hekk ikun hemm kollox taħt saqaf wieħed. Il-mira tal-Gvern hija li nkomplu l-manutenzjoni f'dan l-isptar, u għalhekk għall-2010 qed jiġu vvutati 2 miljun ewro.

## Il-kura ta' l-anzjani

### Żieda sħiħa għall-pensjonanti

Mr. Speaker, l-anzjani u l-pensjonanti huma importanti wkoll fl-aġenda ta' dan il-Gvern.

Bħalma għamilna fl-aħħar żewġ baġits, għas-sena li ġejja qed niggarantixxu li madwar tmenin elf pensjonant u pensjonanta jingħataw iż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja.

### Residenzi għall-anzjani tagħna

Mr. Speaker,

Matul is-sena, tlesta il-proġett fi blokka Ġwanni Pawlu II f'San Vinċenz de Paule. Din se takkomoda 144 pazjent b'kumdità kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-*istaff*. Tlestew ukoll żewgt iswali ġodda fil-kumpless *St. Jeanne Antide* ġewwa Ħ'Attard. Se nestendu d-djar tal-anzjani tal-

Imtarfa u tal-Msida. Għandna l-ħsieb li mad-dar tal-Imtarfa nibnu *flatlets* immirati għal *Shared Supportive Housing* għall-anzjani. Dan huwa proġett pilota li diġà qed jaħdem b'suċċess ma' klijenti bi problemi ta' saħħa mentali u jista' jkun żviluppat ukoll fil-qasam tal-anzjani.

Mr. Speaker, irridu ninvestu f'servizzi fil-komunità, u għalhekk bdejna proġett pilota bil-għan li nkomplu nespandu dan is-servizz matul is-sena d-dieħla. Is-servizzi pprovduti mill-*Commcare* se jkunu konsolidati, filwaqt li *day centres* ġodda huma ppjanati li jinfetħu fil-Mellieħa u s-Siġġiewi.

Nidejna wkoll proġett pilota għal *Night Shelters* fl-Istitut Ġesù Nazzareno fiż-Żejtun. L-għan ta' dan il-proġett huwa li noffru akkomodazzjoni għal matul il-lejl lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom. Se nibdew ukoll proġett pilota *Outreach Team*, li permezz tiegħu grupp ta' professjonisti minn dixxiplini diversi se jagħtu s-sapport lill-anzjani sabiex, fejn ikun possibbli, dawn ikomplu jgħixu fil-komunità. Għal dan il-proġett pilota qed nallokkaw 600,000 ewro.

# Insostnu l-ambjent ta' madwarna

## Futur sostenibbli għal uliedna

Mr. Speaker, pajjiżna, bħall-bqija tad-dinja, kulma jmur qed iħabbat wiċċu ma' sfidi ambjentali, mhux lanqas bil-fenomenu tat-tibdil fil-klima.

Għandna miri u obbligi li rridu nilħqu sal-2020, fosthom li 10 fil-mija tal-enerġija tagħna tiġi minn sorsi nodfa billi nużaw teknoloġiji ta' enerġija alternattiva mix-xemx jew mir-riħ jew enerġija nadifa ta' tip ieħor. Diġà ħabbarna numru ta' inizjattivi biex pajjiżna jiġġenera enerġija nadifa mir-riħ. Issa qegħdin nallokaw 300,000 ewro biex ikunu jistgħu jibdew l-istudji neċessarji dwar l-impatt ambjentali.

### Enerġija minn sorsi alternattivi

Mr. Speaker, grazzi għall-investiment li għamilna fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart, illum ninsabu f'pożizzjoni li niddiskutu dwar teknoloġiji u faċilitajiet li jagħtuna l-enerġija mill-iskart.

Għas-sena li ġejja, qed nallokaw 16-il miljun ewro għall-immaniġġjar tal-iskart. Tajjeb infakkar li, fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin, se jkun ikkummissjonat l-impjant tat-trattament mekkanizzat u d-*digestors* fl-impjant tar-riċiklaġġ tal-iskart ta' Sant'Antnin f'Wied il-Għajn.

Mr. Speaker, il-Gvern qed jerġa' jalloka ammont sostanzjali ta' flus biex ikompli jrawwem kultura favur apparat li jiġġenera l-enerġija mix-xemx. Għalhekk, se

nniedu skema li se toffri għajnuna fuq sistemi fotovoltajċi b'allokazzjoni ta' 3.8 miljun ewro, u *solar water heaters* b'allokazzjoni ta' 4.2 miljun. L-iskema tas-sistemi fotovoltajċi se tkun miftuħa għal kulħadd u l-applikanti eliġibbli se jingħataw għajnuna sa 50 fil-mija min-nefqa kapitali sa massimu ta' 3,000 ewro. L-iskema tas-*solar water heaters* se tkun limitata għal:

- familji li jibbenifikaw mill-benefiċċju tal-enerġija;
- dawk li jirċievu assistenza supplimentari;
- familji li jibbenifikaw miċ-*childrens' allowance* fiss, jiġifieri meta d-dħul ikun anqas minn 23,923 ewro;
- ir-residenti kollha ta' Għawdex biex ikompli jissaħħaħ il-kunċett ta' eko-Għawdex;
- familji bi dħul baxx; u
- dawk li qed jixtru proprjetà għall-ewwel darba b'valur li ma jaqbiżx il-120,000 ewro.

L-għajnuna fuq is-sistemi tas-*solar water heaters* se tkun ta' 40 fil-mija tan-nefqa, sa massimu ta' 560 ewro. Il-proġett hu mifrux fuq medda ta' tliet snin, u hu antiċipat li fil-każ tal-iskema tas-*solar water heaters* jibbenefikaw madwar 2,500 familja fis-sena, filwaqt li fil-każ tas-sistemi fotovoltajċi jibbenifikaw madwar 400 familja fis-sena. Tajjeb li nżid ngħid ukoll li dan il-proġett jinkludi wkoll kampanja edukattiva ta' nofs miljun ewro fuq l-enerġija nadifa.

Il-Gvern qed ifassal ukoll sejħa għall-offerti għal dawk li huma interessati li jinstallaw u joperaw sistemi li

jiġġeneraw l-elettriku bil-panelli fotovoltaċi. Għal dan il-għan, se nallokaw spazji pubbliċi li ġew ikkunsidrati tajbin għall-użu ta' dawn is-sistemi. Waħda mill-kriterji f'din is-sejħa se tkun il-prezz li l-iżvilupattur jitlob għall-elettriku li se jiġi ġġenerat. B'hekk, il-Gvern se jkun qed jintroduċi l-prinċipju ta' *feed-in-tariff*.

**Żviluppi fl-ammistrazzjoni tal-eko-kontribuzzjoni**

Minn meta introduċejna l-eko kontribuzzjoni, fl-2004, il-Gvern idderiġa d-dħul minn din il-kontribuzzjoni direttament għall-immaniġġjar tal-iskart. Kien hemm progress sostanzjali f'dan il-qasam bl-investiment massiċ li sar. Minkejja l-isforzi li saru u li baqa' x'isiru, il-Gvern huwa kommess li jwettaq wegħda oħra billi, wara li għadda minn proċess ta' preparazzjoni u konsultazzjoni, se jimplimenta ċerti aġġustamenti fl-amministrazzjoni ta' din il-liġi. Il-Gvern lest li jaffettwa rifużjoni jew saħansitra jeżenta mill-eko-kontribuzzjoni produtturi li qed jerfgħu parti mill-obbligi nazzjonali li pajjiżna għandu, fejn jidħol l-iskart tal-ippakkjar.

F'dan il-kuntest, hemm żewġ prinċipji ewlenin li nisħaq fuqhom:

1. Il-Gvern irid li, għalkemm il-produttur se jkun qed jintrabat b'ċerti funzjonijiet ġodda, il-konsumatur bl-ebda mod ma jiġi milqut negattivament; u

2. li l-produttur ma jiżdidulux l-ispejjeż tan-negozju tiegħu għax ikun qed jilħaq l-obbligi ambjentali tiegħu.

Għalhekk, il-Gvern se jintroduċi kunċetti pilota fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-eko kontribuzzjoni, li mbagħad jistgħu jinfirxu fuq medda ta' produtturi akbar, bil-ħsieb li jirrikonoxxi bil-fatti l-kontribut li l-produtturi qegħdin u se jkollhom jagħtu fit-twettieq tad-doveri ambjentali tagħhom.

Din il-ġimgħa stess, se nippubblikaw tliet abbozzi ta' avviżi legali għall-konsultazzjoni finali bl-iskop li, taħt parametri li jassiguraw t-twettieq tad-doveri rikjesti mill-produtturi fir-rigward ta' skart tal-ippakkjar tax-xorb, jingħataw rifużjonijiet għar-riċiklaġġ tal-istess materjal li sar bejn l-2005 u 2008. Qed inpoġġi kopja tagħhom fuq il-Mejda. Se tingħata wkoll eżenzjoni għas-sitt xhur bejn Lulju u Diċembru 2009.

## Miżuri ambjentali

Mr. Speaker,

L-industrija ambjentali għandha potenzjal li tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, u l-ħolqien tal-impjiegi. Dan il-potenzjal għandu jiġi sfruttat aħjar u b'mod aktar strateġiku. Għalhekk se nwaqqfu Grupp ta' Ħidma dwar l-industrija ambjentali f'pajjiżna sabiex janalizza l-qagħda attwali ta' dan is-settur u jħejji strateġija b'sett ta' rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp tagħha. Dan se jsir għaliex nemmnu li b'aktar inkoraġġiment u għajnuna dan il-qasam jista' jissaħħaħ u jikber, u b'hekk isir għajn ta' tkabbir ekonomiku akbar li joffri opportunitajiet ta' impjiegi ġodda.

Dan il-Grupp se jintalab jagħmel analiżi ta' dan il-qasam, jistabbilixxi l-potenzjal tiegħu, jidentifika l-ħtiġijiet tal-

ħaddiema u t-taħriġ li hemm bżonn, u jfassal strateġija għat-tisħiħ u l-iżvilupp ta' dan is-settur. Il-Grupp se jkun mitlub ukoll li jfassal politika fiskali li tinċentiva l-investiment u t-tkabbir li hemm bżonn li jsir, kif ukoll li jissuġġerixxi qafas legali adattat biex dan il-qasam jikber.

Mr. Speaker, sabiex inkomplu nrawmu lil kulħadd biex ikun parteċipi lejn it-tisħiħ tal-ambjent tagħna lkoll, se nieħdu numru ta' miżuri, fosthom:

- li nibdew inkejlu l-*carbon footprint* tad-dipartimenti u l-Entijiet governattivi u ndaħħlu sistema ta' inċentivi biex dan jitnaqqas;

- li nibdew indaħħlu, b'mod gradwali, il-kunċett ta' xiri li jkun sensittiv għall-ħarsien ambjentali fis-settur pubbliku kollu;

- li nniedu Premju għall-Intrapriżi u għad-Djar Sostenibbli biex nirrikonoxxu l-isforzi għat-tnaqqis tal-*carbon footprint* tagħhom; u

- li jiddaħħlu l-i*Smart Meters* fid-djar u l-oqsma tan-negozju malajr sabiex il-konsumatur ikollu aktar kontroll fuq l-użu tal-enerġija, u b'hekk jitnaqqas il-*carbon footprint*. Se tingħata prijorità lill-industrija biex, mill-aktar fis possibbli, titneħħa anomalija li possibbilment tiġri f'okkażjonijiet meta jinqata' d-dawl mal-klijenti li jiġu ċċargjati bil-*maximum demand* u li jinħarġilhom qari għoli tal-*meter* f'din it-tip ta' ċirkostanza. L-investiment fl-i*Smart Meters* għandu jirriżulta fl-iffrankar ta' flus għal kulħadd, għal ambjent aħjar, kif ukoll, f'kontijiet aktar baxxi minħabba l-fatt li l-ammont ta' *non-technical losses*

huwa mistenni jinżel sewwa meta titlesta l-installazzjoni tagħhom.

## Il-Gvern qrib il-kunsilli lokali

Mr. Speaker, aħna nemmnu li l-Kunsilli Lokali għandu jkollhom l-għodda sabiex jagħtu lir-residenti tagħhom l-aqwa servizz. Fuq kollox, aħna nemmnu li l-Kunsilli Lokali għandhom jgħinu lill-ekonomija ta' pajjiżna.

Matul din is-sena temmejna proċess ta' konsultazzjoni li wassal numru kbir ta' proposti għat-tiġdid tal-Kunsilli Lokali. Ħafna minn dawn il-proposti twettqu bl-emendi fil-ligi. Il-Kunsilli Lokali issa għandhom responsabbiltajiet ġodda, fosthom li dawn jimpenjaw ruħhom f'ħidma fil-qasam soċjali u fil-ħarsien tal-identità lokali.

Għal sena oħra, qed nerġgħu nżidu għal 31.5 miljun ewro l-allokazzjoni finanzjarja diretta lill-Kunsilli Lokali.

Dan l-ammont jinkludi ukoll miljun ewro f'fondi speċjali li se jintużaw biex:

- tingħata għajnuna diretta lil dawk il-Kunsilli Lokali li jridu jagħtu servizzi estensivi kemm lir-residenti u lil dawk li jżuruhom għal diversi raġunijiet;
- isir studju fuq kull *playground* jew *playing field* fil-lokalitajiet sabiex titjieb is-sigurtà għat-tfal u ż-żgħażagħ li jużawhom;

- jintuża fond għal attivitajiet kulturali u għall-attivitajiet sportivi għal kulħadd u b'differenza fil-lokalitajiet;

- jintuża fond għall-Kunsilli Lokali li jieħdu inizjattivi fil-qasam tal-enerġija nadifa; u

- jinħoloq fond għal ħidma fil-qasam soċjali u sabiex il-Kunsilli Lokali kollha jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

Fil-baġit tas-sena li għaddiet, ħloqna fond ta' ko-finanzjament għal proġetti tal-Unjoni Ewropea li għin lil ħafna Kunsilli Lokali sabiex japplikaw b'suċċess għal programmi tal-Unjoni Ewropea. Dan se nżiduh għal nofs miljun ewro.

Dan il-vot jinkludi miljun ewro bħala fondi speċjali għat-toroq.

## Tisħiħ tas-setturi tal-biedja u s-sajd

Fl-aħħar snin is-setturi tal-biedja u s-sajd għaddew minn trasformazzjoni sħiħa. Dan huwa mertu tal-bdiewa u s-sajjieda tagħna li għarfu jaħdmu f'realtà ġdida.

Għall-qasam agrikolu se nżidu l-allokazzjoni finanzjarja b'2.6 miljun ewro biex inkomplu nonoraw l-obbligi maqbula taħt l-*Ispecial Market Policy Programme for Maltese Agriculture* għall-benefiċċju tar-raħħala u l-bdiewa Maltin u Għawdxin. Il-bdiewa jgawdu wkoll minn programm ta' għajnuna oħra taħt il-Pjan għall-Iżvilupp Rurali. Aktar miżuri taħt dan il-Pjan mistennija jitħabbru u jkunu allokati fix-xhur li ġejjin.

Il-Gvern se jibqa' impenjat li jinvesti bis-sħiħ fit-titjib tal-faċilitajiet fejn jiġi pproċessat, maħżun u mibjugħ l-ikel f'pajjiżna. F'dan il-baġit qed inħabbru allokazzjoni finanzjarja ta' 300,000 ewro għat-titjib fl-infrastruttura tal-Pitkalija biex intejbu l-kundizzjoni tax-xogħol ta' min jaħdem hemm filwaqt li niżguraw *standards* ogħla għall-prodotti li jgħaddu minn dak is-suq.

Qed inħabbru wkoll allokazzjoni finanzjarja ta' 680,000 ewro għat-tibdil taċ-*chillers* li jintużaw fil-biċċerija ċentrali tal-Marsa. Dawn huma kruċjali biex il-laħam jitwassal skond *standards* aċċettabli.

Fis-settur tas-sajd, se nkomplu għaddejjin bil-ħlas ta' għajnuniet bħalma hi l-*marketing aid* biex inkomplu nonoraw il-wegħdi li għamilna mas-sajjieda. Minbarra l-programm ta' għajnuniet iffinanzjati mill-Gvern Malti, s-sajjieda tagħna jibbenefikaw ukoll minn programm ta' għajnuna minn fondi Ewropej li jintużaw għat-tibdil u l-immodernizzar tal-flotta tagħna u hemm ukoll se jkomplu jinħarġu skemi bħal dawn għall-benefiċċju tas-sajjieda Maltin u Għawdxin.

Qegħdin nallokaw is-somma ta' 300,000 ewro għall-ewwel fażi tal-irranġar ta' *breakwater* f'Marsaxlokk. Permezz ta' ħaddiema mit-Taqsima tax-Xogħolijiet se jibqa' għaddej ukoll programm ta' titjib u manutenzjoni ta' *slipways* u mollijiet li jintużaw mis-sajjieda.

Il-Gvern qed jinvesti fil-bini ta' Pixkerija ġdida fil-Marsa. Għal dan il-għan saret applikazzjoni mal-MEPA biex kif dan jinħareġ ikun jista' jibda jitwettaq dan il-proġett tant importanti.

## Konklużjoni

Mr. Speaker,

L-ekonomija mondjali ntħakmet minn maltemp kbir. Ħakimna maltemp ħafna akbar milli qatt ħadd kien jimmaġina.

Rajna l-ekonomija tad-dinja f'xifer katastrofi.

Għixna l-waqa' ta' organizzazzjonijiet finanzjarji kbar, ekonomiji jiċkienu, postijiet tax-xogħol jintilfu, u qtiegħ il-qalb li mess lil tant u tant familji.

Mr. Speaker,

Malta wkoll sabet ruħha f'dan l-akbar taqlib ekonomiku li ġarrbet id-dinja moderna. Batejna u għadna qed nitħabtu. Imma f'dan it-taqlib mexxejna b'għaqal kbir, bi tmexxija soda, u b'politika ta' tama li ngħelbu kull xkiel.

Kien hemm, u għad hemm, min ma jitlifx okkażjoni waħda biex jiżra' d-dubju u l-qtiegħ il-qalb f'mument fejn hemm bżonn ta' ħafna tama u għaqda bejnietna. Imma l-Gvern jaffaċċja dan il-maltemp mal-poplu Malti kollu, mal-imsieħba soċjali, ma' kull min b'rieda ta' l-azzar ma qatax qalbu u baqa' jemmen fil-kapaċità ta' pajjiżna.

Mr. Speaker,

Dan il-baġit jipproponi lil din il-Kamra li:

- Ninvestu 80 miljun ewro f'inċentivi favur il-ħolqien tax-xogħol u t-tkabbir ekonomiku;

- Ninvestu 228 miljun ewro fl-infrastruttura fiżika ta' pajjiżna; u
- Ninvestu aktar min 1.3 biljun ewro fil-poplu tagħna jiġifieri fis-saħħa, fl-edukazzjoni u fil-ħarsien soċjali.

B'dan l-investiment, pajjiżna jkompli jirkeb il-maltemp li għaddejjin minnu u joħroġ aktar b'saħħtu minn qatt qabel.

Mr. Speaker,

Inkun qed nonqos jekk ma nirrikonoxxix u nirringrazzja lil kull min ħadem spalla ma' spalla mal-Gvern biex ilqajna għad-diffikultajiet kbar li pajjiżna kellu jaffaċċja. Grazzi speċjali, f'isem il-Gvern u l-poplu Malti, lit-*trade unions*, lil min iħaddem, lis-soċjetà ċivili, u lill-familji kollha tagħna għall-kontribut kbir tagħkom tul is-sena li għaddiet.

Grazzi lil dawk kollha li matul is-sena d-dieħla se jikkollaboraw mal-Gvern ħalli permezz ta' dan il-baġit indawru l-isfidi li jiġu fuqna f'opportunitajiet għall-poplu tagħna kollu.

Aħna nemmnu fil-poplu tagħna.

Iva, nemmnu li flimkien kapaċi nirbħu l-maltemp u noħorġu aktar f'saħħitna.

F'dan il-baġit għamilna l-għażliet għas-sena d-dieħla. Fittixna li nagħmlu għażliet b'għaqal. Qed ninvestu biex noħolqu aktar xogħol. Qed ninvestu fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fit-taħriġ, fil-qasam soċjali, f'Għawdex. Dan hu

baġit li bih rridu nkattru aktar ix-xogħol. Qed ninvestu f'għaqal fik u fil-pajjiż.

Grazzi ħafna.

# Appendix A – Twettieq tal-Programm ta' Riforma

## Edukazzjoni

- Iddaħħlet sistema ġdida ta' ċertifikazzjoni li titratta diversi oqsma f'kompetenzi ġodda;
- Investiment ta' 4.4 miljun ewro fuq kampanja wiesa' ta' reklutaġġ fi skejjel tal-Gvern bl-għan li tattira l-aqwa ħaddiema possibbli li jipprovdi is-suq;
- F'Lulju 2009 ***tnieda d-Dokument ta' Konsultazzjoni*** dwar ir-riforma tal-iskejjel speċjali biex ***jiġu trasformati*** f'ċentri ta' riżorsi li joffru programmi edukattivi fuq bażi *full-time* u *part-time*;
- Ġie assigurat proġett iffinanzjat mil-Fond Soċjali Ewropew, b'valur ta' 607,245 ewro, u bl-iskop li ***jingħataw korsijiet*** ta' l-*ECDL* lill-ġenituri u għalliema li jwasslu għall-kisba ta' ċertifikazzjoni sa l-2010 (Miżura ***Programm Nazzjonali ta' Riforma*** (PNR) 19.3);
- Il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi assigurat proġett ieħor b'valur ta' 2.6 miljun ewro għall-proġett wara l-ħinijiet ta' l-iskola msejjaħ *Creative Lives, Creative Schools.* (Miżura Flessigurtá 3.5);
- Il-Gvern fetaħ *child-care centre* fi ħdan l-MCAST b'investiment ta' 146,000 ewro ffinanzjat mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea;

- Din is-sena nfetaħ ukoll *Smart Kid Centre* fil-Qawra;

- Infetaħ ċentru ġdid tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi f'Għawdex. Il-proġett kien jinvolvi investiment ta' 1.8 miljun ewro mill-fondi tal-Unjoni Ewropea;

- F'Ġunju tal-2009 tħabbru l-ewwel korsijiet ipprovduti mill-MCAST fuq livell ta' *degree* vokazzjonali. Il-korsijiet bdew jiġu offruti minn Settembru tal-2009 fl-inġinerija elettrika u elettronika, l-ICT, l-arti u disinn, kif ukoll fin-negozju u l-kummerċ;

- F'Settembru tal-2009 l-MCAST daħħal fis-seħħ *maturity clause* għall-adulti li jiddeċiedu li jerġgħu jirrittornaw lura fil-ħajja akkademika u m' għandhomx il-***kwalifi**k**i akkademi**ċ**i ne**ċessarji**;**

- Tkompla xogħol ta' infrastruttura fil-*Junior College* sabiex l-istudenti jiġu akkomodati b'mod aħjar. Il-proġett jinkludi investiment ta' 1.58 miljun ewro mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ta' l-Unjoni Ewropea;

- L-Università ġiet assigurata 13-il proġett mill-fondi strutturali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ta' l-Unjoni Ewropea li jammontaw għall-valur ta' 42 miljun ewro, u proġett taħt il-Fond Soċjali Ewropew b'valur ta' 438,100 ewro. Dawn il-proġetti jissuplimentaw il-kapaċità tar-riċerka ta' l-Università;

- F'April tal-2009, il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Għola nidiet l-ewwel dokument strateġiku bl-isem

ta' Strateġija ***għall-Edukazzjoni*** Avvanzata u G***ħola*** 2020;

- Fi Frar tal-2009, il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Għola nidiet rapport bl-isem *Skills for the Future* (Miżura Flessigurtà 1.2) sabiex jiġu indirizzati diskrepanzi fil-ħiliet u jiġu żviluppati l-ħiliet fil-futur;

- Bħala parti mir-Riforma fl-Edukazzjoni, f'Ġunju tal-2009 ġie mwaqqaf Direttorat ġdid tat-tagħlim tul il-ħajja (*Life Long Learning*);

- Minn Ottubru 2009 beda x-xogħol sabiex jinfetħu ċentri komunitarji għat-Tagħlim Tul il-Ħajja f'numru ta' lokalitajiet f'Malta;

- F'April tal-2009 ġie mniedi proġett taħt il-Fond Soċjali Ewropew, bl-iskop li jidentifika diskrepanzi f'ċertu ħiliet u jipprovdi korsijiet fis-settur tal-avjazzjoni (Miżura PNR 19.2*)*;

- F'Mejju tal-2009 l-MCAST nieda l-programm msejjaħ *Professional Development Programmes* għall-impjegati tal-MCAST. Il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (Miżura PNR 18.2);

- Daħal fis-seħħ il-proġett *STEPS* (*Strategic Educational Pathways Scholarships*) b'investiment ta' 10 miljun ewro (Miżura PNR 3.1). L-iskop ta' dan il-proġett hu li jassisti l-gradwati li jridu jkomplu jistudjaw fuq livell post-gradwat fir-riċerka akkademika f'oqsma ta' prijorita nazzjonali.

- Minn Ġunju 2009, is-sistema tal-*Malta Government Scholarships Scheme* ġiet estiża għal studenti li jixtiequ jibdew kors fuq livell ta' *Masters* jew *PHD* fuq bażi *part-time* jew *distance learning,* studenti li għandhom 'l fuq minn tletin sena, studenti bi bżonnijiet speċjali, u ħaddiema li jixtiequ jibdew kors fuq livell ta' *Masters* jew *PHD* mingħajr il-bżonn li jkollhom jitilqu mix-xogħol; (Miżura PNR 19.10).

- Il-*Career Guidance Building Scholarship Scheme* (Miżura PNR 17.1) ġiet ukoll imnedija f'Jannar 2009. Is-somma ta' 525,072 ewro ġiet allokata għal dan il-proġett li jkopri 42 borża ta' studju fuq perjodu ta' 3 snin. L-ewwel sejħa li fetħet f'Jannar ipparteċipaw 14-il student.

**Miżuri biex jattiraw iktar persuni fid-dinja tax-xogħol**

- L- ETC nidiet l-*Employment Aid Programme* iffinanzjat taħt il-*Fond Socjali Ewropew,* l-għan ta' dan il-programm hu li jiffaċilita l-integrazzjoni ta' persuni żvantaġġjati jew bi bżonnijiet speċjali fid-dinja tax-xogħol. Hu mistenni li 1,530 persuna se jgawdu minn dan il-programm bejn l-2009 u l-2013 (Miżura PNR 9.1);

- Fi Frar tal-2009, l- ETC nidiet it-*Training Aid Framework* bl-iskop li tippromovi l-kunċett ta' tagħlim matul il-ħajja (*life long learning)* fil-kumpaniji Maltin permezz ta' għajnuna finanzjarja f'forma ta' sussidju li dawn jingħataw għat-taħriġ tal-impjegati tagħhom. Fil-perjodu bejn l-2009 u l-

2013 hu stmat li se jkunu ngħataw madwar 8.85 miljun ewro f'sussidji finanzjarji taħt dan il-programm, li minnu se jibbenefikaw madwar 3,500 persuna (Miżura PNR 18.1);

- Programm ieħor ġdid li jaqa' taħt il-Fond Soċjali Ewropew li ġie mniedi f'Mejju tal-2009, hu l *Employability Programme* tal-ETC. Fit-tlett snin li ġejjin hu mistenni li 21,000 persuna se jkunu bbenefikaw minn madwar 200 kors. Dan il-programm jiġbor fih inizjattivi varji li jinkludu assistenza fit-tfittxija għax-xogħol, taħriġ għall-ħiliet bażiċi, orjentazzjoni fuq il-post tax-xogħol, apprendistat u skema għal min jixtieq jiftaħ in-negozju tiegħu (Miżura PNR 12.2);

- L ETC nidiet ukoll il-*Work Trial Scheme*. Permezz ta' din l-iskema, persuni li qed ifittxu x-xogħol, kif ukoll persuni inattivi jingħataw esperjenza ta' 12-il ġimgħa fuq post tax-xogħol u b'hekk tiffaċilita r-reintegrazzjoni tagħhom fid-dinja tax-xogħol. Dawn il-persuni jingħataw 50 fil-mija tal-paga minima nazzjonali mill-ETC tul il-perjodu li jagħmlu taħt din l-iskema (Miżura Flessigurtá 2.7).

**Miżuri biex jattiraw aktar nisa fid-dinja tax-xogħol**

- L-ETC nidiet ukoll żewġ proġetti  li huma immirati biex iżidu l-ammont ta' nisa attivi fid-dinja tax-xogħol. Dawn huma l-proġett 'Tajjeb' u l-proġett 'Nista'. L-iskop tal-proġett 'Tajjeb' hu li jiġu identifikati l-problemi li jiltaqgħu magħhom in-nisa fid-dinja tax-xogħol sabiex jinstab bilanċ aħjar bejn

il-ħajja tal-familja u x-xogħol. L-għan tal-proġett 'NISTA' huwa li tħajjar aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol permezz ta' kampanja ta' għarfien li tuża mezzi differenti ta' komunikazzjoni (Miżura PNR 10.1);

- Nisa li jirritornaw fid-dinja tax-xogħol wara l-1 ta' Jannar 2008 u li jkunu ilhom nieqsa mid-dinja tax-xogħol għal ħames snin jew aktar huma eżenti milli jħallsu t-taxxa fuq id-dħul tagħhom għal sena għal kull tifel/tifla taħt is-16-il sena. Għall-persuni li jaħdmu għal rashom, jingħata kreditu sa massimu ta' 5,000 ewro għal kull sena;

- Nisa li jibqgħu jew jirritornaw fid-dinja tax-xogħol wara li jwelldu tarbija, mill-1 ta' Jannar 2007 'il quddiem, huma eżentati milli jħallsu taxxa ta' sena sħiħa fuq l-impjieg tagħhom għal kull wild li jkollhom wara din id-data. Għall-persuni li jaħdmu għal rashom, jingħata kreditu sa massimu ta' 5,000 ewro għal kull sena.

**Miżuri Ġenerali**

- Saret reviżjoni fil-faxex tat-taxxa li se tħalli kważi 12-il miljun ewro fil-bwiet ta' min iħallas it-taxxa; (Miżura PNR 2.1)

- F'Ottubru ta' din is-sena, ġie inawgurat iċ-ċentru tan-*National Breast Screening* b'investiment ta' 1.6 miljun ewro. Imniedi wkoll programm tan-N*ational Breast Screening* li ħa jipprovdi *breast screening* b'xejn għal madwar 30,000 mara li għandhom etá ta' bejn 50 u 59 sena;

- Fl-1 ta' Settembru 2009, beda xogħol ta' tranġar fid-Dipartiment tar-Radjoloġija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex; (Miżura PNR 20.2)

- Matul din is-sena ntlaħqet il-mira li Malta jkollha almenu erba' *submarine cables* tat-telekomunikazzjoni. Din kienet waħda mill-miżuri li tifforma parti mill-istrateġija ta' l-*ICT* magħrufa aħjar bħala *Smart Island Strategy;* (NRP Miżura 14.1)

- Ġiet imwaqqfa *task force* bil-għan li tapprova assistenza temporanja lil dawk il-kumpaniji li jsibu ruħhom f'diffikultá b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika internazzjonali. Mill-bidu tas-sena 'l hawn, il-Gvern ipprovda 8 miljun ewro biex jgħin tmien kumpaniji li ġew affettwati ħain bir-riċessjoni;

- F'Jannar ta' din is-sena, d-Dipartiment tal-Kuntratti nieda sistema ġdida elettronika ta' xiri kif ukoll *website*. Minn Lulju bdiet titħaddem ukoll sistema fejn min hu nteressat li jitfa' l-offerta tiegħu jixtri d-dokument *online* jew inkella fuq CD dirett mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti;

- F'Ottubru ġie ppubblikat l-abbozz ta' liġi dwar is-servizzi li jingħataw fis-suq Intern (Miżura PNR 7.1);

- Beda xogħol fuq numru ta' proġetti bil-għan li jkompli jitjieb il-prodott turistiku kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Dawn il-proġetti jikkonsistu minn:

- o Tisbieħ fiż-żoni turistiċi ta' San Pawl il-Baħar, il-Qawra u Pembroke Miżura PNR (15.1);
- o Tisbieħ fiż-żoni kostali tal-Qawra u s-Sliema (Miżura PNR 15.3);
- o Żvilup ta' *Masterplan* għaċ-Ċittadella, bl-ewwel fażi tintemm b'suċċess f'Ottubru ta' din is-sena (Miżura PNR 15.4);
- o Tisbieħ fil-*waterfront* taż-Żewwieqa, post li jinsab viċin il-port tal-Imġarr Għawdex (Miżura PNR 15.5);

- Tiddaħħal fis-seħħ skema ta' għajnuna ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-proġett ta' turiżmu sostenibbli. L-ammont allokat għal din l-iskema fuq perjodu ta' 2007-2013 huwa ta' 10 miljun ewro;
- Minn din is-sena, il-Gvern waqqaf ukoll skema ta' sussidji marbuta ma' imgħax fuq self li permezz tiegħu jiġu affetwati proġetti ta' *refurbishment* u estensjoni fi stabbilimenti turistiċi. Minn Ottubru, din l-iskema bdiet tapplika wkoll għal *self catering premises* li jinkludu postijiet ta' akkomodazzjoni li huma meqjusa mill-Awtorità tat-Turiżmu bħala *holiday premises* jew *farmhouses*. Għal din l-iskema, il-Gvern alloka 3 miljun ewro fuq medda ta' 10 snin;
- F'Mejju daħlet fis-seħħ ir-riforma fit-trasport mingħajr skeda (Miżura PNR 16.1);

- F'Lulju 2009, ġiet ippubblikata sejħa lill-organizzazzjonijiet b'esperjenza fit-trasport pubbliku biex jesprimu interess biex jagħmlu offerta biex ifornu servizz riformat tat-trasport pubbliku. Din is-sejħa għall-espressjonijiet t'interess għalqet fil-15 ta' Settembru fejn 5 minn 8 kumpaniji li wrew l-interess tagħhom irriżultaw eliġibbli. F'Ottubru ġiet ippubblikata s-sejħa propja għall-offerti li għalija dawn il-ħames kumpaniji ġew mistiedna biex japplikaw. (Miżura PNR 16.1);

- Fl-1 ta' Ġunju 2009, ġie mniedi pakkett ta' tmien inċentivi ġodda miftuħ għall-intrapriżi mis-setturi kollha li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Dan il-pakkett ta' għajnuna għandu l-għan li jinċentiva r-riċerka industrijali u żvilupp esperimentali u qed jiġi mmexxi mill-*Malta Enterprise*. Il-miżuri jinqasmu f'żewg settijiet - 5 inċentivi f'forma ta' għotjiet (*cash grants*) u 3 inċentivi fiskali (*tax credits*);

    - 5 inċentivi f'forma ta' għotjiet (C*ash Grants*):

        - *Industrial Research and Experimental Development Scheme* ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (Miżura PNR 3.3). L-ammont allokat għal din l-iskema hu ta' 3.5 miljun ewro;

        - EUREKA *Projects Scheme;*

        - *Preparatory Technical Feasibility Studies Scheme;*

        - *Loan of Highly Qualified Personnel (Temporary Attachments) Scheme;*
        - *Innovation Clusters and Collaborations Scheme.*
    - 3 inċentivi fiskali (*Tax Credits*):
        - *Industrial Research Tax Credits;*
        - *Experimental Development Tax Credits;*
        - *Industrial Property Rights for SMEs.*

- Ġew imnedija ħames skemi ġodda favur l-intrapriżi ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali b'investiment ta' 16.5 miljun ewro (Miżura PNR 3.3). Dawn l-iskemi jikkonsistu minn:
    - *International Competitiveness* - 4.5 miljun ewro, għal żvilupp ta' inizjattivi biex jiġu ppenetrati swieq ġodda;
    - *Small Start-Up Scheme* - 2.5 miljun ewro, li tassisti kumpaniji innovattivi li għadhom jibdew;
    - *Innovation* - 4 miljun ewro, bħala għajnuna lill-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju fl-iżvilupp ta' proċessi, prodotti u servizzi innovattivi;
    - *E-business* - 2.5 miljun ewro, biex jiġi nċentivat aktar l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika fl-operat ta' l-ażjendi;

- *Environment* - 3 miljun ewro, bħala għajnuna lill-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju biex jinvestu fi proġetti biex isaħħu l-ambjent ta' madwarhom permezz ta' *eco-innovations.*

- F'April ta' din is-sena, ġie mniedi proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-*policy* ta' l-enerġija. Dan id-dokument jidentifika sitt oqsma ewlenin: effiċjenza fl-enerġija, tnaqqis mid-dipendenza fuq iż-żejt importat, stabilità fis-sistema tal-provvista tal-enerġija, tnaqqis fl-emissjonijiet mis-settur ta' l-enerġija, effiċjenza fid-distribuzzjoni tal-enerġija, u *policies* li jsaħħu lis-settur ta' l-enerġija;

- Fl-2009, il-Gvern nieda skema sabiex jiġi nkoraġġit l-użu tal-insulazzjoni tal-bjut u t-twaħħil ta' ħġieġ *double-glazed* fid-djar. L-iskema tikkonsisti f'għotjiet ta' 33 fil-mija tal-ispiża sa massimu ta' 300 ewro;

- Inizjattiva oħra li ttieħdet fl-2009 biex il-familji jagħmlu użu aħjar tal-enerġija u jinvestu f'sorsi alternattivi, kienet it-tqassim ta' *security vouchers* lil kull familja biex din tibbenefika minn lampi *energy-saving*. Din l-inizjativa li kellha tagħlaq fil-31 t'Ottubru ġiet estiża sa l-aħħar ta' Novembru u anki residenzi fejn jgħixu aktar minn 10 persuni, inklużi djar immexxija fuq bażi volontarja bħall-istituti u kunventi fost oħrajn, ġew mogħtija allokazzjoni akbar ta' lampi *energy saving* b'xejn;

- Fl-2009 daħlu fis-seħħ regolamenti ġodda dwar ir-rekwiżiti minimi għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-energija;

- Miżura oħra li ġiet imdaħħla bl-għan li tassigura li proġetti kbar jiġu mibnija b'użu ta' enerġija effiċjenti hija l-obbligu li jsiru *energy management plans;*

- Matul din is-sena, dipartimenti tal-gvern u Entijiet fis-settur pubbliku bdew jinvestu f'sistemi ta' awditjar għall-użu aħjar tal-enerġija;

- Il-Gvern beda jipprovdi wkoll inċentivi lill-intrapriżi biex jagħmlu awditjar għall-użu aħjar tal-enerġija. L-għotjiet jammontaw għal 40 fil-mija tal-ispiża sa massimu ta' 300 ewro għall-intrapriżi żgħar u sa 1000 ewro għall-intrapriżi kbar;

- Ir-riforma tat-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-vetturi bbażata fuq l-emissjonijiet daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar ta' din is-sena (Miżura PNR 4.4);

- Daħlet fis-seħħ skema għall-familji fuq xiri ta' *solar water heaters* u fuq investiment f'sistemi ta' panelli fotovoltajċi. L-iskema tfondi lura 66.6 fil-mija tal-ispejjeż fuq *solar water heaters* sa massimu ta' 460 ewro, kif ukoll 50 fil-mija tal-investiment f'sistemi ta' panelli fotovoltajċi sa massimu ta' 3000 ewro (Miżura PNR 4.2);

- Ġiet fis-seħħ skema ta' 10 miljun ewro ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali li tappoġġa lill-industrija f'investimenti favur effiċjenza fl-użu tal-enerġija u f'sorsi alternattivi. Taħt din l-iskema, l-industrija hi eliġibbli għal 50 fil-mija tan-nefqa sakemm l-

investiment ikun sewa bejn 25,000 u 200,000 ewro (Miżura PNR 4.2);

- Kumpaniji li jinvestu f'pannelli fotovoltajċi huma eliġibbli għal *tax credit* ta' 243 fil-mija;
- Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti biex pajjiżna jkun jista' jingħaqad mall-*grid* Ewropew;
- Ġiet ippubblikata l-istrateġija nazzjonali ta' miżuri ta' politika u tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ***ta***' serra. (Miżura PNR 4.1);
- Il-Korporazzjoni EneMalta ffirmat kuntratt għal xiri ta' *power station* li tiġġenera 150MW f'elettriku;
- Bdew jitwaħħlu *smart meters* tad-dawl u l-ilma mill-Korporazzjoni EneMalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wara li ġie ffirmat kuntratt ta' 48 miljun ewro mal- *IBM Global Solutions.*

## Appendiċi B – Inizjattivi fit-turiżmu

Matul is-sena wkoll ittieħdu diversi inizjattivi:

- iddiskutejna mal-banek kummerċjali moratorju fuq ħlasijiet ta' kapital fuq self li għandhom mal-15-il lukanda;
- skema ta' sussidju tal-imgħax fuq self minn lukandi li jwettqu proġetti ta' tisbiħ jew ta' tkabbir, b'total ta' tliet miljun ewro fuq medda ta' 10 snin;
- għajnuna lis-settur pubbliku u parastatali biex s'issa nġiebu 18-il konferenza lejn Malta, b'madwar 30,000 *bed night*;
- skema ta' nofs miljun ewro li permezz tagħha, rduppjajna l-ammont investit f'reklamar addizzjonali mis-settur privat;
- skema biex ngħinu lil għaqdiet sportivi jorganizzaw konferenzi, *tournaments*, kompetizzjonijiet u *training camps* internazzjonali f'Malta, liema skema se tkun iġġenerat madwar 22,000 *bed night*; u
- skema sabiex ngħinu lill-Kunsilli Lokali fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet lokali b'element turistiku.

# Appendiċi Ċ – Proposta għal riforma fis-sistema tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi kummerċjali

**L-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija u vetturi oħra**

**Kategorija A: vetturi N1, N2 u N3, vetturi użati għal għan speċjali u żwiemel *(tractor units),***

**Vetturi N1, vetturi b'għan speċjali u żwiemel**

| | |
|---|---|
| **Sa u nkluża l-Euro II** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 130% + cc x 130% x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 135% + cc x 135% x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 140% + cc x 140% x €1 |
| **Euro III** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 110% + cc x 110% x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg a 1,706 kg | Kg x 115% + cc x 115% x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 120% + cc x 120% x €1 |
| **Euro IV jew aktar** | |
| Vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 50% + cc x 55% x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 55% + cc x 60% x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 60% + cc x 65% x €1 |

**Vetturi N2, vetturi b'għan speċjali u żwiemel**

| | |
|---|---|
| **Sa u nkluża l-Euro II** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | Kg x 60% + cc x 75% x €1 |
| **Euro III** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | Kg x 25% + cc x 40% x €1 |
| **Euro IV u aktar** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | 0% |

**Vetturi N3, vetturi b'għan speċjali u żwiemel**

| | |
|---|---|
| **Sa u nkluża l-Euro II** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg sa 25,000 kg | Kg x 30% + cc x 40% x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 25,000 kg | Kg x 35% + cc x 45% x €1 |
| **Euro III** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg sa 25,000 kg | Kg x 10% + cc x 15% x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 25,000 kg | Kg x 15% + cc x 20% x €1 |
| **Euro IV u aktar** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata mass ta' aktar minn 12,000 kg | 0% |

## Formula tar-rata tat-taxxa:

Filwaqt li jiġu applikati t-tabelli rilevanti hawn fuq, l-ammont totali tat-taxxa ta' reġistrazzjoni għandu jkun daqs is-somma totali tal-massa massima awtorizzata (kg) ta' vettura bil-mutur immultiplikata bil-% indikat u l-kapaċità kubika (cc) tal-magna tal-vettura mmultiplikata bil-% indikati mmultiplikati b'€1:

**[(kg x x%) + (cc x x%) x €1]**

Għall-fini tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, fejn vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija (N1, N2 u N3), jew vetturi użati għal għan speċjali jew żwiemel, li s-sena tal-manifattura tagħhom hi waħda mis-snin ta' manifattura li ġejjin, ma jkunux akkumpanjata minn ċertifikat li jkun juri l-livelli ta' emissjonijiet ekwivalenti għall-istandards tal-euro, ir-rati tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandhom jitħallsu fuq dawk il-vetturi għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jidhru taħt l-istandards tal-euro differenti:

- Sena tal-manifattura li tiġi qabel is-sena 2001: Euro II
- Sena tal-manifattura mill-2001 sa, u nkluża, l-2005: Euro III
- Sena tal-manifattura 2006 'il quddiem: Euro IV u aktar

Fejn importatur jew negozjant jew sid ta' vettura bil-mutur jipprovdi ċertifikat kif approvat minn servizz tekniku akkreditat fi Stat Membru, li l-magna ta' dik il-vettura partikolari tkun tissodisfa livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet minkejja s-sena tal-manifattura tagħha, dik il-vettura għandha, meta tkun qed tiġi rreġistrata, tiġi ntaxxata r-rata li tappartjeni lill-istandard euro li jkun ekwivalenti għaliha.

**Kategorija B: vetturi elettriċi, vetturi ibridi, vetturi N1, N2, N3, vetturi b'għan speċjali u żwiemel**

| | |
|---|---|
| 1. vetturi elettriċi misjuqa bil-batterija | **0%** |
| 2. vetturi elettriċi ibridi bil-petrol (jew bid-diżil) | **0%** |

## Kategorija Ċ: vetturi *classic, vintage* u *veteran* użati għall-ġarr tal-merkanzija

**Vetturi N1, vetturi b'għan speċjali u żwiemel b'massa massima ta' mhux aktar minn 3.5 tunnellati u Vetturi N2, vetturi b'għan speċjali u żwiemel b'massa massima ta' aktar minn 3.5 tunnellati iżda mhux aktar minn 5 tunnellati**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | vetturi *classic, vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità: | |
| | 1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura | 10.5% |
| | 1.2 vetturi ta' 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura | 28.5% |

**Vetturi N2, vetturi b'għan speċjali u żwiemel b'massa massima ta' aktar minn 5 tunnellati iżda mhux aktar minn 12-il tunnellata**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | vetturi *classic, vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità: | |
| | 1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura | 10.5% |
| | 1.2 vetturi ta' 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura | 28.5% |

**Vetturi N3, vetturi b'għan speċjali u żwiemel b'massima massa mhux aktar minn 12-il tunnellata**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | vetturi *classic, vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità: | |
| | 1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura | 10.5% |
| | 1.2 vetturi ta' 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura | 28.5% |

## Kategorija D: *tractors* agrikoli

| | | |
|---|---|---|
| | *Tractors* agrikoli | 0% |

**Kategorija E: vetturi użati f'inħawi magħluqin**

| | | |
|---|---|---|
| | Vetturi użati f'inħawi magħluqin, bħal tarznari jew ajruporti jew portijiet użati mill-bastimenti | 0% |

**Formula tar-rata tat-taxxa:**

L-ammont totali tat-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-Kategoriji B sa E hu l-valur ta' reġistrazzjoni (VR) immultiplikat bil-% indikat **[VR x% ]**

**L-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi użati għall-ġarr tal-passiġġieri**

**(Il-Kategoriji A sa D jkopru vetturi li li s-sistema tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tagħhom kif riformata diġà tħabbret fl-aħħar Baġit). It-tieni stadju tar-riforma jkopri l-vetturi M2 u M3:**

**Kategorija F: vetturi bil-mutur M2 u M3 kemm ġodda u kemm mhumiex, u xi vetturi oħra:**

| Vetturi | | | Rata ta' taxxa Perċentaġġ tal-VR |
|---|---|---|---|
| 1. Xarabanks tar-rotta bil-mutur | | | 0% |
| 2. Vetturi bil-mutur M2 u M3, inlużi ferroviji mingħajr linji u vetturi bil-mutur amfibji | | | |
| | Sa u nkluża l-Euro II | Euro III | Euro IV |
| M2 | Kg x 60% + cc x 75% x €1 | Kg x 25% + cc x 40% x €1 | 0% |
| M3 | Kg x 50% + cc x 60% x €1 | Kg x 10% + cc x 15% x €1 | 0% |

| Vetturi | Rata ta' taxxa Perċentaġġ tal-VR |
|---|---|
| 3. Vetturi M2 u M3 elettriċi jew elettriċi ibridi bil-petrol jew bid-diżil | 0% |
| | |

## Kategorija G: vetturi bil-mutur oħrajn

| Vetturi | Rata ta' taxxa Perċentaġġ tal-VR |
|---|---|
| 1 Ambulanzi ġodda | 0% |
| 2 Ambulanzi użati | 21% |
| 3 Vetturi *light weight* bi tlett roti użati li għandhom karatteristiċi ta' vettura bil-mutur kemm ġodda jew użati | 48.5% |
| 4 Karrozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* użati li m'humiex attrezzati biex jintużaw fit-triq kemm ġodda jew użati | 6.5% |
| 5 Karavans, u *motor homes* kemm ġodda jew użati | 50% |
| 6 Vetturi bil-mutur għall-ġarr tal-mejtin (ġodda biss) | 30% |

## Formuli tar-rata tat-taxxa

